

# Linji Gwida



**Linji gwida 4/2019 dwar  
il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku  
skont l-Artikolu 25**

**Verżjoni 2.0**

**Adottata fl-20 ta' Ottubru 2020**

Translations proofread by EDPB Members.  
This language version has not yet been proofread.

## Storja tal-verżjonijiet

Verżjoni 1.0	13 ta' Novembru 2019	Adozzjoni tal-Linji gwida għal konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 2.0	20 ta' Ottubru 2020	Adozzjoni tal-Linji gwida mill-EDPB wara konsultazzjoni pubblika

## Werrej

1	Kamp ta' applikazzjoni .....	5
2	Analiżi tal-Artikolu 25(1) u (2) l-protezzjoni tad- <i>data</i> mid-disinn u b'mod awtomatiku .....	6
2.1	Artikolu 25(1): Protezzjoni tad- <i>data</i> mid-disinn .....	6
2.1.1	L-obbligu tal-kontrollur li jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa u s-salvagwardji neċessarji fl-ipproċessar.....	6
2.1.2	Imfassla biex timplimenta l-prinċipji tal-protezzjoni tad- <i>data</i> b'mod effettiv u biex tiproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad- <i>data</i> .....	7
2.1.3	Elementi li għandhom jitqiesu .....	8
2.1.4	Aspett tal-ħin.....	10
2.2	Artikolu 25(2): Protezzjoni tad- <i>data</i> b'mod awtomatiku .....	11
2.2.1	B'mod awtomatiku, tiġi pproċessata biss <i>data</i> personali li tkun meħtieġa għal kull skop speċifiku tal-ipproċessar .....	11
2.2.2	Dimensjonijiet tal-obbligu tal-minimizzazzjoni tad- <i>data</i> .....	12
3	Implimentazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad- <i>data</i> fl-ipproċessar tad- <i>data</i> personali permezz ta' protezzjoni tad- <i>data</i> mid-disinn u b'mod awtomatiku.....	14
3.1	Trasparenza .....	15
3.2	Legalità .....	16
3.3	Ġustizzja .....	18
3.4	Limitazzjoni tal-Iskop.....	20
3.5	Minimizzazzjoni tad- <i>Data</i> .....	21
3.6	Preċiżjoni .....	23
3.7	Limitazzjoni tal-ħżin .....	25
3.8	Integrità u kunfidenzjalità .....	26
3.9	Akkontabilità .....	29
4	L-Artikolu 25(3) Ċertifikazzjoni .....	29
5	Infurzar tal-Artikolu 25 u l-konsegwenzi .....	29
6	Rakkomandazzjonijiet .....	30

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70 (1e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE], (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

### ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

#### Sommarju eżekuttiv

F'dinja dejjem aktar diġitali, l-aderenza mar-rekwiżiti tal-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku għandha rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* fis-soċjetà. Għalhekk, huwa essenzjali li l-kontrolluri jieħdu din ir-responsabbiltà bis-serjetà u li jimplimentaw l-obbligi tal-GDPR meta jfasslu operazzjonijiet ta' pproċessar.

Dawn il-Linji gwida jagħtu gwida ġenerali dwar l-obbligu tal-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku (minn hawn 'il quddiem id-“DPbDD”) kif stabbilit fl-Artikolu 25 tal-GDPR. Id-DPbDD hija obbligu għall-kontrolluri kollha, irrispettivament mid-daqs u l-kumplexità li tvarja tal-ipproċessar. Sabiex ikun jistgħu jiġu implimentati r-rekwiżiti tad-DPbDD, huwa kruċjali li l-kontrollur jifhem il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data*.

L-obbligu ewlieni hu l-implimentazzjoni ta' miżuri u salvagwardji neċessarji *xierqa* li jipprovdu *implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data** u, konsegwentement, *id-rittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku*. L-Artikolu 25 jippreskrivi li għandhom jitqiesu kemm elementi ta' disinn kif ukoll dawk awtomatiċi. Dawk l-elementi, se jiġu elaborati aktar f'dawn il-Linji gwida.

L-Artikolu 25(1) jistipula li l-kontrolluri għandhom jikkunsidraw id-DPbDD minn stadju bikri meta jipplanaw operazzjoni ta' pproċessar ġdida. Il-kontrolluri se jimplimentaw id-DPbDD *qabel* l-ipproċessar, kif wkoll *kontinwament* waqt l-ipproċessar, billi jirrieżaminaw regolarment l-effettività tal-miżuri u s-salvagwardji magħżula. Id-DPbDD tapplika wkoll għal sistemi eżistenti li jipproċessaw *data* personali.

Il-Linji gwida jinkludu wkoll gwida dwar kif għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* fl-Artikolu 5, billi jelenkaw elementi ewlenin mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif ukoll każijiet prattiċi għall-illustrazzjoni. Il-kontrollur għandu jikkunsidra l-adekwatezza tal-miżuri ssuġġeriti fil-kuntest tal-ipproċessar partikolari inkwistjoni.

L-EDPB jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif il-kontrolluri, il-proċessuri u l-produtturi jistgħu jikkooperaw biex jiksbu d-DPbDD. Huwa jhegġegħ lill-kontrolluri fl-industrija, il-proċessuri u l-produtturi biex jużaw id-DPbDD bħala mezz biex jiksbu vantaġġ kompetittiv meta jikkummerċjalizzaw il-prodotti

tagħhom lejn il-kontrolluri u s-suġġetti tad-*data*. Iħeġġeġ ukoll lill-kontrolluri kollha biex jagħmlu użu miċ-ċertifikazzjonijiet u l-kodiċijiet ta' kondotta.

## 1 KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1. Il-Linji gwida jiffukaw fuq l-implimentazzjoni mill-kontrolluri tad-DPbDD abbażi tal-obbligu fl-Artikolu 25 tal-GDPR.<sup>1</sup> Atturi oħra, bħal proċessuri u produtturi ta' prodotti, servizzi u applikazzjonijiet (minn hawn 'il quddiem "produtturi"), li mhumiex indirizzati direttament fl-Artikolu 25, jistgħu jsibu dawn il-Linji gwida utli wkoll fil-ħolqien ta' prodotti u servizzi li jikkonformaw mal-GDPR u li jippermettu lill-kontrolluri jissodisfaw l-obbligi ta' protezzjoni tad-*data* tagħhom.<sup>2</sup> Il-Premessa 78 tal-GDPR żżid li d-DPbDD għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' offerti pubbliċi. Minkejja li l-kontrolluri kollha għandhom id-dmir li jintegraw id-DPbDD fl-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom, din id-dispożizzjoni trawwem l-adozzjoni tal-prinċipji, fejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom imexxu bl-eżempju. Il-kontrollur huma responsabbli mit-twettiq tal-obbligi tad-DPbDD għall-ipproċessar imwettaq mill-proċessuri u s-subproċessuri tagħhom, u għalhekk għandhom iqisu dan meta jikkuntrattaw ma' dawn il-partijiet.
2. Ir-rekwiżit deskritt fl-Artikolu 25 huwa li l-kontrolluri għandu jkollhom il-protezzjoni tad-*data* mfassla għall-ipproċessar tad-*data* personali u bħala setting awtomatiku u dan japplika matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ipproċessar. Id-DPbDD hija wkoll rekwiżit għas-sistemi ta' pproċessar li kienu jeżistu qabel ma daħal fis-seħħ il-GDPR. Il-kontrolluri jrid ikollhom l-ipproċessar aġġornat b'mod konsistenti f'konformità mal-GDPR. Għal aktar informazzjoni dwar kif sistema eżistenti għandha tinżamm f'konformità mad-DPbDD, ara s-subkapitolu 2.1.4 ta' dawn il-Linji gwida. Il-punt prinċipali tad-dispożizzjoni hu li tiġi żgurata protezzjoni tad-*data xierqa u effettiva* kemm mid-*disinn* kif ukoll *b'mod awtomatiku*, li jfisser li l-kontrolluri jenħtieġ ikunu jistgħu juru li huma għandhom il-miżuri u s-salvagwardji xierqa fl-ipproċessar biex jiġi żgurat li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* jkunu effettivi.
3. It-tieni kapitolu tal-Linji gwida jiffoka fuq interpretazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 25 u jesplora l-obbligi legali introdotti mid-dispożizzjoni. Fil-Kapitolu 3 huma pprovduti xi eżempji dwar kif tista' tiġi applikata d-DPbDD fil-kuntest ta' prinċipji speċifiċi tal-protezzjoni tad-*data*.
4. Il-Linji gwida jindirizzaw il-possibbiltà li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 25 fil-Kapitolu 4, kif ukoll kif l-Artikolu jista' jiġi infurzat mill-awtoritajiet superviżorji fil-Kapitolu 5. Fl-aħħar nett, il-Linji Gwida jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati rakkomandazzjonijiet dwar kif id-DPbDD tista' tiġi implimentata b'suċċess. L-EDPB jirrikonoxxi l-isfidi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (minn hawn 'il quddiem "SMEs") biex jikkonformaw bis-sħiħ mal-obbligi tad-DPbDD, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet addizzjonali speċifikament għall-SMEs fil-Kapitolu 6.

---

<sup>1</sup> L-interpretazzjonijiet ipprovduti hawnhekk japplikaw ugwalment għall-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680, u għall-Artikolu 27 tar-Regolament 2018/1725.

<sup>2</sup> Il-Premessa 78 tal-GDPR tiddikjara din il-ħtieġa b'mod ċar: "*Meta jiżviluppaw, ifasslu, jagħżlu u jużaw applikazzjonijiet, servizzi u prodotti li huma bbażati fuq l-ipproċessar tad-*data* personali jew li jipproċessaw *data* personali sabiex iwettqu l-kompitu tagħhom, il-produtturi tal-prodotti, tas-servizzi u tal-applikazzjonijiet għandhom ikunu mħeġġa jikkunsidraw id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* meta jiżviluppaw u jfasslu tali prodotti, servizzi u applikazzjonijiet u, filwaqt li jqisu l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, biex ikun żgurat li l-kontrolluri u l-proċessuri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-protezzjoni tad-*data*".*

## 2 ANALIŻI TAL-ARTIKOLU 25(1) U (2) IL-PROTEZZJONI TAD-DATA MID-DISINN U B'MOD AWTOMATIKU

5. L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li jesplora u li jipprovdi gwida dwar ir-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-*data* mid-disinn fl-Artikolu 25(1) u għall-protezzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku fl-Artikolu 25(2) rispettivament. Il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u l-protezzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku huma kunċetti komplementari, li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Is-suġġetti tad-*data* se jibbenefikaw aktar mill-protezzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku jekk il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn tiġi implimentata fl-istess ħin – u viċi versa.
6. Id-DPbDD hija rekwiżit għall-kontrolluri kollha, inklużi negozji żgħar u kumpaniji multinazzjonali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-komplessità tal-implimentazzjoni tad-DPbDD tista' tvarja abbażi tal-operazzjoni ta' pproċessar individwali. Madankollu, irrispettivament mid-daqs, fil-każijiet kollha, il-benefiċċji pożittivi għall-kontrollur u għas-suġġett tad-*data* jistgħu jinkisbu bl-implimentazzjoni tad-DPbDD.

### 2.1 Artikolu 25(1): Protezzjoni tad-*data* mid-disinn

#### 2.1.1 L-obbligu tal-kontrollur li jimplementa miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa u s-salvagwardji neċessarji fl-ipproċessar

7. Skont l-Artikolu 25(1) il-kontrollur għandu jimplementa *miżuri* tekniċi u organizzazzjonali *xierqa* li huma ddisinjati biex jiġu implimentati l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u jiġu integrati *s-salvagwardji neċessarji* fl-ipproċessar sabiex ikunu issodisfati r-rekwiżiti u jkunu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Kemm il-miżuri xierqa kif ukoll is-salvagwardji meħtieġa huma maħsuba biex iservu l-istess skop tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' suġġetti tad-*data* u biex jiżguraw li l-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom tkun parti integrali mill-ipproċessar.
8. *Miżuri tekniċi u organizzazzjonali u salvagwardji* meħtieġa jistgħu jinftehem f'sens wiesa' bħala kwalunkwe metodu jew mezz li kontrollur jista' juża fl-ipproċessar. Li jkunu *xierqa* jfisser li l-miżuri u s-salvagwardji neċessarji għandhom ikunu adatti biex jinkiseb l-għan intiż, jiġifieri iridu jimplementaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* b'mod *effettiv*<sup>3</sup>. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' adattament huwa marbut mill-qrib mar-rekwiżit tal-effettività.
9. Miżura teknika jew organizzazzjonali u salvagwardja tista' tkun kwalunkwe ħaġa mill-użu ta' soluzzjonijiet tekniċi avvanzati għat-taħriġ bażiku tal-persunal. Eżempji li jistgħu jkunu adatti, skont il-kuntest u r-riskji assoċjati mal-ipproċessar inkwistjoni, jinkludu l-pseudonimizzazzjoni ta' *data* personali<sup>4</sup>; il-ħin ta' *data* personali disponibbli f'format strutturat li jinqara b'mod komuni bil-magni; li s-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jintervjenu fl-ipproċessar; il-provvediment ta' informazzjoni dwar il-ħin ta' *data* personali; li jkun hemm sistemi ta' detezzjoni tal-malware; it-taħriġ tal-impjegati dwar l-“iġjene ċibernetika” bażika; l-istabbiliment ta' sistemi ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-privatezza u tal-informazzjoni, filwaqt li l-proċessuri jkunu obbligati b'mod kuntrattwali biex jimplementaw prattiki speċifiċi ta' minimizzazzjoni tad-*data*, eċċ.
10. L-istandards, l-aħjar prattiki u l-kodiċijiet ta' kondotta li huma rikonnoxxuti minn assoċjazzjonijiet u korpi oħra li jirrappreżentaw kategoriji ta' kontrolluri jistgħu jkunu ta' għajna fid-determinazzjoni ta'

<sup>3</sup> L-“effettività” hija indirizzata hawn taħt fis-sottokapitolu 2.1.2

<sup>4</sup> Definita fl-Artikolu 4(5) tal-GDPR.

miżuri xierqa. Madankollu, il-kontrollur irid jivverifika l-adegwatezza tal-miżuri għall-ipproċessar partikolari inkwistjoni.

### 2.1.2 Imfassla biex timplimenta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* b' mod effettiv u biex tiproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*

11. Il-*prinċipji tal-protezzjoni tad-data* huma fl-Artikolu 5 (minn hawn 'il quddiem "il-prinċipji"), *id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data* huma d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b' mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-*data* personali, li l-protezzjoni tagħhom tissewma' fl-Artikolu 1(2) bħala l-objettiv tal-GDPR (minn hawn 'il quddiem "id-drittijiet")<sup>5</sup>. Il-formulazzjoni preċiża tagħhom tinsab fil-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali. Huwa essenzjali għall-kontrollur li jkollu fehim tat-tifsira *tal-prinċipji* u *d-drittijiet* bħala l-bażi għall-protezzjoni offruta mill-GDPR, speċifikament mill-obbligu tad-DPbDD.
12. Meta jiġu implimentati l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, huwa fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva ta' kull wieħed mill-prinċipji msemmija hawn fuq u l-protezzjoni sussegwenti tad-drittijiet li għandhom *jifasslu* l-miżuri u s-salvagwardji.

#### **Indirizzar tal-effettività**

13. L-effettività tinstab fil-qalba tal-kunċett tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn. Ir-rekwiżit li l-prinċipji jiġu implimentati b' mod effettiv ifisser li l-kontrolluri jridu jimplementaw il-miżuri u s-salvagwardji meħtieġa biex jiproteġu dawn il-prinċipji, sabiex jiżguraw id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Kull miżura implimentata għandha tipproduċi r-riżultati maħsuba għall-ipproċessar previst mill-kontrollur. Din l-osservazzjoni għandha żewġ konsegwenzi.
14. L-ewwel nett, dan ifisser li l-Artikolu 25 ma jirrikjedix l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura teknika u organizzazzjonali speċifika, iżda pjuttost li l-miżuri u s-salvagwardji magħżula għandhom ikunu speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* fl-ipproċessar partikolari inkwistjoni. Permezz ta' dan, il-miżuri u s-salvagwardji għandhom jiġu ddisinjati biex ikunu robusti u l-kontrollur għandu jkun jista' jimplementa aktar miżuri sabiex imorru lil hinn minn kwalunkwe żieda fir-riskju<sup>6</sup>. Għalhekk, jekk il-miżuri humiex effettivi jew le jiddependi mill-kuntest tal-ipproċessar inkwistjoni, u minn valutazzjoni ta' ċerti elementi li għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati l-mezzi tal-ipproċessar. L-elementi msemmija hawn fuq se jiġu indirizzati hawn taħt fis-subkapitolu 2.1.3.
15. It-tieni nett, il-kontrolluri għandhom ikunu kapaċi juru li l-prinċipji nżammu.
16. Il-miżuri u s-salvagwardji implimentati għandhom jiksbu l-effett mixtieq f' termini ta' protezzjoni tad-*data*, u l-kontrollur għandu jkollu dokumentazzjoni tal-miżuri tekniċi u organizzazzjonali implimentati.<sup>7</sup> Biex jagħmel dan, il-kontrollur jista' jiddetermina indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPI) xierqa biex juri l-effettività. KPI huwa valur li jista' jitkejjel magħżul mill-kontrollur li juri kemm il-kontrollur jilħaq l-objettiv tal-protezzjoni tad-*data* tiegħu b' mod effettiv. Il-KPIs jistgħu jkunu *kwantitattivi*, bħall-

<sup>5</sup> Ara l-Premessa 4 tal-GDPR.

<sup>6</sup> "Il-prinċipji fundamentali applikabbli għall-kontrolluri (jiġifieri l-leġittimità, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-limitazzjoni tal-iskop, it-trasparenza, l-integrità tad-*data*, il-preċiżjoni tad-*data*) għandhom jibqgħu l-istess, irrispettivament mill-ipproċessar u mir-riskji għas-suġġetti tad-*data*. Madankollu, kunsiderazzjoni dovuta għan-natura u l-iskop ta' dan l-ipproċessar minn dejjem kienet parti integrali mill-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji, biex b'hekk ikunu skalabbli minnhom infushom." Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. "Dikjarazzjoni dwar ir-rwol ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju fl-oqfsa legali tal-protezzjoni tad-*data*". WP 218, 30 ta' Mejju 2014 p. 3. [ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp218\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp218_en.pdf)

<sup>7</sup> Ara l-Premessi 74 u 78.

perċentwal ta' pożittivi foloz jew negattivi foloz, tnaqqis tal-ilmenti, tnaqqis taż-żmien għal rispons meta s-suġġetti tad-*data* jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; jew *kwalitattivi*, bħal evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni, l-użu ta' skali ta' gradazzjoni, jew valutazzjonijiet esperti. B'mod alternattiv għall-KPIs, il-kontrolluri jistgħu jkunu kapaċi juru l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji billi jipprovdu r-raġunament wara l-valutazzjoni tagħhom tal-effettività tal-miżuri u s-salvagwardji magħżula.

### 2.1.3 Elementi li għandhom jitqiesu

17. L-Artikolu 25 jelenka elementi li l-kontrollur irid jieħu inkunsiderazzjoni meta jiddetermina l-miżuri ta' operazzjoni ta' pproċessar speċifika. F'dan li ġej, aħna se nipprovdu gwida dwar kif għandhom jiġu applikati dawn l-elementi fil-proċess tat-tfassil, li jinkludi t-tfassil tas-settings b'mod awtomatiku. Dawn l-elementi kollha jikkontribwixxu biex jiġi ddeterminat jekk miżura hijiex xierqa biex jiġu implimentati l-prinċipji b'mod effettiv. Għalhekk, kull wieħed minn dawn l-elementi mhuwiex għan fih innifsu, iżda huma fatturi li għandhom jitqiesu flimkien biex jintlaħaq l-oġġettiv.

#### 2.1.3.1 "l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku"

18. Il-kunċett ta' "l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku" huwa preżenti f'diversi acquis tal-EU, eż. protezzjoni ambjentali u sikurezza tal-prodotti. Fil-GDPR, ir-referenza għal "l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku"<sup>8</sup> ma ssirx biss fl-Artikolu 32, għal miżuri ta' sigurtà,<sup>9</sup> iżda wkoll fl-Artikolu 25, u b'hekk testendi dan il-punt ta' riferiment għall-miżuri tekniċi u organizzazzjonali kollha inkorporati fl-ipproċessar.
19. Fil-kuntest tal-Artikolu 25, ir-referenza għal "l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku" timponi obbligu fuq il-kontrolluri, meta jkunu qed jiddeterminaw il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, **biex iqisu l-progress attwali fit-teknoloġija** li jkun disponibbli fis-suq. Ir-rekwiżit li l-kontrolluri jkollhom għarfien ta', u jibqgħu aġġornati dwar avvanzi teknoloġiċi; kif it-teknoloġija tista' tippreżenta riskji għall-protezzjoni tad-*data* jew opportunitajiet għall-operazzjoni tal-ipproċessar; u kif jiġu implimentati u aġġornati l-miżuri u s-salvagwardji li *jiżguraw implimentazzjoni effettiva* tal-prinċipji u d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* filwaqt li jitqies l-ambjent teknoloġiku li qed jevolvi.
20. "L-oġġla livell ta' żvilupp tekniku" huwa kunċett dinamiku li ma jistax jiġi ddefinit b'mod statiku f'xi ħin partikolari, iżda jrid jiġi vvalutat kontinwament fil-kuntest tal-progress teknoloġiku. Fid-dawl tal-avvanzi teknoloġiċi, kontrollur jista' jsib li miżura li xi darba kienet tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni issa ma għadhiex tagħmel dan. Għalhekk, li wieħed ma jżomm ruħu aġġornat mal-bidliet teknoloġiċi jista' jirriżulta f'nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 25.
21. Il-kriterju ta' "l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku" ma japplikax biss għal miżuri teknoloġiċi, iżda wkoll għal dawk organizzazzjonali. In-nuqqas ta' miżuri organizzazzjonali xierqa jista' jnaqqas jew saħansitra jimmina kompletament l-effettività ta' teknoloġija magħżula. Eżempji ta' miżuri organizzazzjonali jistgħu jkunu l-adozzjoni ta' politiki interni; taħriġ aġġornat dwar it-teknoloġija, is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*; u l-politiki ta' governanza u ġestjoni tas-sigurtà tal-IT.

---

<sup>8</sup> Ara d-deċiżjoni "Kalkar" tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża fl-1978:

<https://germanlawarchive.iuscomp.org/?p=67> tista' tipprovdi l-bażi għal metodoloġija għal definizzjoni oġġettiva tal-kunċett. Fuq dik il-bażi, il-livell ta' teknoloġija ta' "l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku" jkun identifikat bejn il-livell ta' teknoloġija ta' "għarfien u riċerka xjentifika eżistenti" u "regoli tat-teknoloġija ġeneralment aċċettati" li huma aktar stabbliti. Għalhekk, "l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku" jista' jiġi identifikat bħala l-livell ta' teknoloġija ta' servizz jew teknoloġija jew prodott li jeżisti fis-suq u li huwa l-aktar effettiv fl-ilħuq tal-oġġettivi identifikati.

<sup>9</sup> [www.teletrust.de/en/publikationen/broschueren/state-of-the-art-in-it-security/](http://www.teletrust.de/en/publikationen/broschueren/state-of-the-art-in-it-security/)



22. Oqfsa, standards, ċertifikazzjonijiet, kodiċijiet ta' kondotta eżistenti u rikonoxxuti, eċċ. f'oqfsa differenti jista' jkollhom rwol fl-indikazzjoni tal- "ogħla livell" attwali fi ħdan il-qasam ta' użu partikolari. Fejn tali standards jeżistu u jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni għas-suġġett tad-*data* f'konformità – jew imorru lil hinn – mir-rekwiżiti legali, il-kontrolluri għandhom iqisuhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tad-*data*.

#### 2.1.3.2 "spiża tal-implimentazzjoni"

23. Il-kontrollur jista' jqis l-ispiża tal-implimentazzjoni meta jagħżel u japplika miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa u s-salvagwardji meħtieġa li jimplimentaw il-prinċipji b'mod effettiv sabiex jipproteġu d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. L-ispiża tirreferi għar-riżorsi inġenerali, inklużi l-ħin u r-riżorsi umani.
24. L-element ta' spiża ma jirrikjedix li l-kontrollur juża ammont sproporzjonat ta' riżorsi meta jeżistu miżuri alternattivi, inqas eżiġenti għar-riżorsi, iżda xorta waħda effettivi. Madankollu, l-ispiża tal-implimentazzjoni hija fattur li għandu jiġi kkunsidrat biex tiġi implimentata l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn aktar milli raġuni biex ma tiġix implimentata.
25. Għalhekk, il-miżuri magħżula għandhom jiżguraw li l-attività ta' pproċessar prevista mill-kontrollur ma tipproċessax *data* personali bi ksur tal-prinċipji, indipendentement mill-ispiża. Il-kontrolluri għandhom ikunu jistgħu jiġġestixxu l-ispejjeż ġenerali biex ikunu jistgħu jimplimentaw b'mod effettiv il-prinċipji kollha u, konsegwentement, jipproteġu d-drittijiet.

#### 2.1.3.3 "natura, kamp ta' applikazzjoni, kuntest u skop tal-ipproċessar"

26. Il-kontrolluri jridu jqisu n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-iskop tal-ipproċessar meta jkun qed jiddeterminaw il-miżuri meħtieġa.
27. Dawn il-fatturi għandhom jiġu interpretati b'mod konsistenti mar-rwol tagħhom f'dispożizzjonijiet oħra tal-GDPR, bħall-Artikoli 24, 32 u 35, bil-għan li jitfasslu prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* fl-ipproċessar.
28. Fil-qosor, il-kunċett ta' **natura** jista' jinftiehem bħala l-karatteristiċi inerenti tal-ipproċessar. Il-**kamp ta' applikazzjoni** jirreferi għad-daqs u l-firxa tal-ipproċessar. Il-**kuntest** huwa relatat maċ-ċirkostanzi tal-ipproċessar, li jistgħu jinfluwenzaw l-aspettattivi tas-suġġett tad-*data*, filwaqt li l-**iskop** jappartjeni għall-għanijiet tal-ipproċessar.

#### 2.1.3.4 "riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi kkawżati mill-ipproċessar"

29. Il-GDPR jadotta approċċ koerenti bbażat fuq ir-riskju f'ħafna mid-dispożizzjonijiet tiegħu, fl-Artikoli 24, 25, 32 u 35 bil-ħsieb li jidentifika miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jipproteġu lil individwi, lid-*data* personali tagħhom, u biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-GDPR. L-assi li jridu jiġu protetti huma dejjem l-istess (l-individwi, permezz tal-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom), kontra l-istess riskji (għad-drittijiet tal-individwi), filwaqt li jitqiesu l-istess kundizzjonijiet (in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-iskop tal-ipproċessar).
30. Meta jkun qed iwettaq l-analiżi tar-riskju għall-konformità mal-Artikolu 25, il-kontrollur irid jidentifika r-riskji għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li jippreżenta ksur tal-prinċipji, u jiddetermina l-probabbiltà u s-severità tagħhom sabiex jimplimenta miżuri li jimmitigaw ir-riskji identifikati b'mod effettiv. Evalwazzjoni sistematika u bir-reqqa tal-ipproċessar hija kruċjali meta jsiru l-valutazzjonijiet tar-riskju.

Pereżempju, kontrollur jivvaluta r-riskji partikolari assoċjati ma' nuqqas ta' kunsens mogħti liberament, li jikkostitwixxi ksar tal-prinċipju tal-legalità, matul l-ipproċessar ta' *data* personali ta' tfal u żgħażaġħ taħt it-18-il sena bħala grupp vulnerabbli, f'każ fejn ma teżisti l-ebda bażi ġuridika oħra, u jimplimenta miżuri xierqa biex jindirizza u jimmitiga r-riskji identifikati assoċjati ma' dan il-grupp ta' suġġetti tad-*data* b'mod effettiv.

31. Il-“Linji gwida tal-EDPB dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA)”,<sup>10</sup> li jiffokaw fuq id-determinazzjoni ta' jekk operazzjoni tal-ipproċessar aktarx li jirriżulta f'riskju għoli għas-suġġett tad-*data* jew le, jipprovdu wkoll gwida dwar kif jiġu vvalutati r-riskji għall-protezzjoni tad-*data* u kif issir valutazzjoni tar-riskji għall-protezzjoni tad-*data*. Dawn il-Linji gwida jistgħu jkunu utli wkoll matul il-valutazzjoni tar-riskju fl-Artikoli kollha msemmija hawn fuq, inkluż l-Artikolu 25.
32. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju ma jeskludix l-użu ta' xenarji bażi, l-aħjar prattika u standards. Dawn jistgħu jipprovdu sett ta' għodod utli biex il-kontrolluri jindirizzaw riskji simili f'sitwazzjonijiet simili (natura, kamp ta' applikazzjoni, kuntest u skop tal-ipproċessar). Minkejja dan, jibqa' l-obbligu fl-Artikolu 25 (kif ukoll fl-Artikoli 24, 32 u 35(7)(c) tal-GDPR) biex jittieħdu inkunsiderazzjoni “*riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi kkawżati mill-ipproċessar*”. Għalhekk, għalkemm il-kontrolluri jkunu appoġġati minn dawn l-għodod, huma dejjem iridu jwettqu valutazzjoni tar-riskju għall-protezzjoni tad-*data* fuq bażi ta' każ b'każ għall-attività ta' pproċessar partikolari, u jiverifikaw l-effettività tal-miżuri u tas-salvagwardji xierqa proposti. DPIA, jew aġġornament ta' DPIA eżistenti, jistgħu mbagħad ikunu meħtieġa wkoll.

#### 2.1.4 Aspett tal-ħin

##### 2.1.4.1 Fi żmien id-determinazzjoni tal-mezzi għall-ipproċessar

33. Il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn trid tiġi implimentata fi żmien id-determinazzjoni tal-mezzi għall-ipproċessar.
34. Il-“*mezzi għall-ipproċessar*” ivarjaw mill-elementi ġenerali għad-disinn iddettaljat tal-ipproċessar, inklużi l-arkitettura, il-proċeduri, il-protokolli, it-tqassim u d-dehra.
35. Il-“*ħin tad-determinazzjoni tal-mezzi għall-ipproċessar*” jirreferi għall-perjodu ta' żmien meta l-kontrollur ikun qed jiddeċiedi kif se jitwettaq l-ipproċessar u l-mod li bih se jsir l-ipproċessar u l-mekkaniżmi li se jintużaw biex jitwettaq dan l-ipproċessar. Huwa fil-proċess tat-teħid ta' dawn id-deċiżjonijiet li l-kontrollur irid jivvaluta l-miżuri u s-salvagwardji xierqa għall-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji u d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* fl-ipproċessar, u li jrid jieħu inkunsiderazzjoni elementi bħall-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, l-ispiża tal-implimentazzjoni, in-natura, l-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-iskop, u r-riskji. Dan jinkludi ż-żmien tal-akkwist u l-implimentazzjoni ta' software, hardware u servizzi tal-ipproċessar tad-*data*.
36. Il-konsiderazzjoni bikrija tad-DPbDD hija kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-prinċipji u l-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Barra minn hekk, minn perspettiva ta' spejjeż u benefiċċji, huwa wkoll fl-interess tal-kontrollur li jqis id-DPbDD mill-aktar fis possibbli, billi jista' jkun ta' sfida u għali biex isiru bidliet aktar tard għal pjanijiet li jkunu diġà saru u għal operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu diġà tfasslu.

---

<sup>10</sup> “Linji gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u d-determinazzjoni ta' jekk l-ipproċessar “aktarx li jirriżulta f'riskju għoli” għall-finijiet tar-Regolament 2016/679” tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. WP 248 rev.01, 4 ta' Ottubru 2017. [ec.europa.eu/newsroom/document.cfm?doc\\_id=47711](https://ec.europa.eu/newsroom/document.cfm?doc_id=47711) - approvati mill-EDPB

#### 2.1.4.2 Fil-ħin tal-ipproċessar innifsu (żamma u rieżami tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data)

37. Ladarba l-ipproċessar ikun beda, il-kontrollur ikollu obbligu kontinwu li jżomm id-DPbDD, jiġifieri l-implimentazzjoni effettiva kontinwa tal-prinċipji sabiex jiġu protetti d-drittijiet, jinżamm aġġornat fuq l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, jiġi vvalutat mill-ġdid il-livell ta' riskju, eċċ. In-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kuntest tal-operazzjonijiet ta' pproċessar, kif ukoll ir-riskju jistgħu jinbidlu matul il-proċess tal-ipproċessar, li jfisser li l-kontrollur irid jevalwa mill-ġdid l-operazzjonijiet ta' pproċessar tiegħu permezz ta' rieżamijiet u valutazzjonijiet regolari tal-effettività tal-miżuri u s-salvagwardji magħżula minnhom.
38. L-obbligu li tinżamm, tiġi rieżaminata u aġġornata, kif meħtieġ, l-operazzjoni ta' pproċessar japplika wkoll għal sistemi preeżistenti. Dan ifisser li s-sistemi ta' legat imfassla qabel id-dħul fis-seħħ tal-GDPR huma meħtieġa li jgħaddu minn rieżamijiet u manutenzjoni biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' miżuri u salvagwardji li jimplementaw il-prinċipji u d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* b'mod effettiv, kif deskritt f'dawn il-Linji gwida.
39. L-obbligu jestendi wkoll għal kwalunkwe pproċessar imwettaq permezz tal-proċessuri tad-*data*. L-operazzjonijiet tal-proċessuri għandhom jiġu eżaminati u vvalutati mill-ġdid mill-kontrolluri b'mod regolari biex jiġi żgurat li dawn jippermettu konformità kontinwa mal-prinċipji u li jippermettu lill-kontrollur tad-*data* jissodisfa l-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward.

## 2.2 Artikolu 25(2): Protezzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku

### 2.2.1 B'mod awtomatiku, tiġi pproċessata biss *data* personali li tkun meħtieġa għal kull skop speċifiku tal-ipproċessar

40. "Mod awtomatiku", kif inhu definit komunement fix-xjenza tal-kompjuters, jirreferi għall-valur preeżistenti jew magħżul minn qabel ta' konfigurazzjoni konfigurabbli li jkun assenjat għal applikazzjoni tas-software, programm tal-kompjuter jew apparat. Dawn il-konfigurazzjonijiet jissejġu wkoll "valuri predeterminati" jew "valuri predeterminati mill-fabbrika", speċjalment għall-apparat elettroniku.
41. Għalhekk, it-terminu "b'mod awtomatiku" fl-ipproċessar tad-*data* personali, jirreferi li jsiru għażliet rigward il-valuri ta' konfigurazzjoni jew opzjonijiet tal-ipproċessar li huma stabbiliti jew preskritti f'sistema tal-ipproċessar, bħal applikazzjoni ta' software, servizz jew apparat, jew proċedura ta' pproċessar manwali li taffettwa l-ammont ta' *data* personali miġbura, sa liema punt tiġi pproċessata, il-perjodu tal-ħżin tagħha u l-aċċessibbiltà tagħha.
42. Il-kontrollur għandu jagħżel u jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' settings u għażliet għall-ipproċessar awtomatiku b'mod li l-ipproċessar li jkun strettament meħtieġ biex jinkiseb l-iskop legali stabbilit biss jitwettaq b'mod awtomatiku. Hawnhekk, il-kontrolluri jridu joqogħdu fuq il-valutazzjoni tagħhom tan-neċessità tal-ipproċessar fir-rigward tal-bażijiet ġuridiċi tal-Artikolu 6(1). Dan ifisser li b'mod awtomatiku, il-kontrollur m'għandux jiġbor aktar *data* milli jkun meħtieġ, m'għandux jipproċessa d-*data* miġbura aktar milli jkun meħtieġ għall-iskopijiet tiegħu, u lanqas m'għandu jaħżen id-*data* għal aktar żmien milli jkun meħtieġ. Ir-rekwiżit bażiku huwa li l-protezzjoni tad-*data* tinbena fl-ipproċessar b'mod awtomatiku.
43. Il-kontrollur huwa meħtieġ jiddetermina minn qabel għal liema skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi d-*data* personali tkun se tinġabar u tiġi pproċessata.<sup>11</sup> B'mod awtomatiku, il-miżuri jridu jkunu xierqa

<sup>11</sup> L-Artikolu 5(1)(b), (c), (d), (e) tal-GDPR

biex jiġi żgurati li tkun qed tiġi pproċessata biss *data* personali li tkun meħtieġa għal kull għan speċifiku tal-ipproċessar. Il-“Linji gwida dwar il-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità ta’ miżuri li jillimitaw id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* ta’ *data* personali” tal-EDPS jistgħu jkunu utli wkoll biex jiġi deċiż liema *data* hija neċessarja għall-ipproċessar sabiex jinkiseb għan speċifiku.<sup>12 13 14</sup>

44. Jekk il-kontrollur juża software ta’ parti terza jew software kummerċjalment disponibbli, dan għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskju tal-prodott u jiżgura li l-funzjonijiet li ma għandhomx bażi ġuridika jew li mhumiex kompatibbli mal-iskopijiet maħsuba tal-ipproċessar jintfew.
45. L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għal miżuri organizzazzjonali li jappoġġaw operazzjonijiet ta’ pproċessar. Dawn għandhom jitfasslu biex jipproċessaw, mill-bidu, l-ammont minimu biss ta’ *data* personali meħtieġa għall-operazzjonijiet speċifiċi. Dan għandu jitqies b’mod partikolari meta jiġi allokat aċċess għad-*data* lil membri tal-persunal bi rwoli differenti u ħtiġijiet ta’ aċċess differenti.
46. “Miżuri tekniċi u organizzazzjonali” xierqa fil-kuntest tal-protezzjoni tad-*data* b’mod awtomatiku għalhekk tinftiehem bl-istess mod kif diskuss hawn fuq fis-subkapitolu 2.1.1, iżda applikata speċifikament għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*.
47. L-obbligu msemmi hawn fuq biex tiġi pproċessata biss *data* personali li hija meħtieġa għal kull għan speċifiku japplika għall-elementi li ġejjin:

## 2.2.2 Dimensjonijiet tal-obbligu tal-minimizzazzjoni tad-*data*

48. L-Artikolu 25(2) jelenka d-dimensjonijiet tal-obbligu tal-minimizzazzjoni tad-*data* għall-ipproċessar b’mod awtomatiku, billi jiddikjara li l-obbligu japplika għall-ammont ta’ *data* personali miġbura, l-*estent* tal-ipproċessar tagħha, il-perjodu tal-ħżin tagħha u l-aċċessibbiltà tagħha.

### 2.2.2.1 “ammont ta’ *data* personali miġbura”

49. Il-kontrolluri jridu jqisu kemm il-volum tad-*data* personali kif ukoll it-tipi, il-kategoriji u l-livell ta’ dettall tad-*data* personali meħtieġa għall-finijiet tal-ipproċessar. L-għażliet mid-disinn tagħhom għandhom iqisu r-riskji akbar għall-prinċipji tal-integrità u l-kunfidenzjalità, tal-minimizzazzjoni tad-*data* u tal-limitazzjoni tal-ħżin meta jiġbru ammonti kbar ta’ *data* personali dettaljata, u jqabbluh mat-tnaqqis fir-riskji meta jiġbru ammonti iżgħar u/jew informazzjoni inqas dettaljata dwar is-suġġetti tad-*data*. F’kull każ, il-konfigurazzjoni prestabbilita ma tistax tinkludi għbir ta’ *data* personali li ma tkunx meħtieġa għall-għan speċifiku tal-ipproċessar. Fi kliem ieħor, jekk ċerti kategoriji ta’ *data* personali ma jkunux meħtieġa jew jekk id-*data* dettaljata ma tkunx meħtieġa minħabba li *data* inqas granulari tkun biżżejjed, allura ma għandhiex tinġabar *data* personali żejda.

---

<sup>12</sup> L-EDPS. “Linji gwida dwar il-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità ta’ miżuri li jillimitaw id-dritt għall-protezzjoni tad-*data*”. 25 ta’ Frar 2019. [edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/19-02-25\\_proportionality\\_guidelines\\_en.pdf](https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/19-02-25_proportionality_guidelines_en.pdf)

<sup>13</sup> Ara wkoll EDPS. “Il-valutazzjoni tan-neċessità ta’ miżuri li jillimitaw id-dritt fundamentali għall-protezzjoni ta’ *data* personali: Sett ta’ għodod” [https://edps.europa.eu/data-protection/our-work/publications/papers/necessity-toolkit\\_en](https://edps.europa.eu/data-protection/our-work/publications/papers/necessity-toolkit_en)

<sup>14</sup> Għal aktar informazzjoni dwar in-neċessità, ara l-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29. “Opinjoni 6/2014 dwar il-kunċett ta’ interessi leġittimi tal-kontrollur tad-*data* skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE”. WP 217, 9 ta’ April 2014. [https://ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp217\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp217_mt.pdf)

50. L-istess rekwiżiti prestabbiliti japplikaw għal servizzi indipendenti minn liema pjattaforma jew apparat jintuża, tista' tinġabar biss id-*data* personali meħtieġa għall-iskop partikolari.

#### 2.2.2.2 “l-estent tal-ipproċessar tagħha”

51. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar<sup>15</sup> imwettqa fuq id-*data* personali għandhom ikunu limitati għal dak li jkun neċessarju. Ħafna operazzjonijiet ta' pproċessar jistgħu jikkontribwixxu għal skop ta' pproċessar. Madankollu, il-fatt li ċerta *data* personali hija meħtieġa biex jintlaħaq skop ma jfissirx li t-tipi, u l-frekwenzi kollha ta' operazzjonijiet ta' pproċessar jistgħu jitwettqu fuq id-*data*. Il-kontrolluri għandhom joqogħdu attenti wkoll li ma jestendux il-limiti ta' “għanijiet kompatibbli” tal-Artikolu 6(4), u jżommu f' moħħhom liema pproċessar ikun jaqa' taħt l-aspettattivi raġonevoli tas-suġġetti tad-*data*.

#### 2.2.2.3 “il-perjodu ta' ħżin tagħha”

52. Id-*data* personali miġbura ma għandhiex tinħażen jekk ma tkunx meħtieġa għall-iskop tal-ipproċessar u ma jkun hemm l-ebda fini u raġuni legali kompatibbli oħra skont l-Artikolu 6(4). Kwalunkwe żamma għandha tkun ġustifikabbli oġġettivament kif meħtieġ mill-kontrollur tad-*data* f'konformità mal-prinċipju ta' obbligu ta' rendikont.

53. Il-kontrollur għandu jillimita l-perjodu ta' żamma għal dak li huwa meħtieġ għall-iskop. Jekk id-*data* personali ma tkunx għadha meħtieġa għall-iskop tal-ipproċessar, hija għandha titħassar jew tiġi anonimizzata b'mod awtomatiku. Għalhekk, it-tul tal-perjodu ta' żamma jiddependi mill-iskop tal-ipproċessar inkwistjoni. Dan l-obbligu huwa relatat direttament mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin fl-Artikolu 5(1)(e), u għandu jiġi implimentat b'mod awtomatiku, jiġifieri l-kontrollur għandu jkollu proċeduri sistematiċi għat-tħassir jew l-anonimizzazzjoni tad-*data* inkorporati fl-ipproċessar.

54. L-anonimizzazzjoni<sup>16</sup> tad-*data* personali hija alternattiva għat-tħassir, sakemm jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi kurrentwali rilevanti kollha u li l-probabbiltà u s-severità tar-riskju, inkluż ir-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid, jiġu vvalutati regolarment<sup>17</sup>.

#### 2.2.2.4 “l-aċċessibbiltà tagħha”

55. Il-kontrollur għandu jillimita min ikollu aċċess u liema tipi ta' aċċess għad-*data* personali abbażi ta' valutazzjoni tan-neċessità, u jrid ikun ukoll ċert li d-*data* personali fil-fatt tkun aċċessibbli għal dawk li jeħtieġuha meta jkun meħtieġ, pereżempju f' sitwazzjonijiet kritiċi. Il-kontrolli tal-aċċess għandhom jiġu osservati għall-fluss tad-*data* sħiħ matul l-ipproċessar.

56. L-Artikolu 25(2) jiddikjara wkoll li d-*data* personali ma għandhiex issir aċċessibbli lil għadd indefinit ta' persuni fiżiċi mingħajr l-intervent tal-individwu. B'mod awtomatiku, il-kontrollur għandu jillimita l-

---

<sup>15</sup> Skont l-Artikolu 4(2) tal-GDPR, dan jinkludi il-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħżin, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew li ssir disponibbli b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew il-kombinazzjoni, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda.

<sup>16</sup> Il-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29. “Opinjoni 5/2014 dwar it-Tekniki ta' Anonimizzazzjoni”. WP 216, 10 ta' April 2014. [https://ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp216\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp216_mt.pdf)

<sup>17</sup> Jekk jogħġbok ara l-Artikolu 4(1) tal-GDPR, il-Premessa 26 tal-GDPR, l-“Opinjoni 5/2014 dwar it-Tekniki ta' Anonimizzazzjoni” tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29. Jekk jogħġbok ara wkoll is-sottotaqsima dwar il-“limitazzjoni tal-ħżin” fit-Taqsima 3 ta' dan id-dokument, li tirreferi għall-ħtieġa li l-kontrollur jiżgura l-effettività tat-teknika/tekniki ta' anonimizzazzjoni implimentata/implimentati.

aċċessibbiltà u jaġhti lis-suġġett tad-*data* l-possibbiltà li jintervjeni qabel jippubblika jew inkella jaġħmel disponibbli d-*data* personali tas-suġġett tad-*data* lil għadd indefinit ta' persuni fiżiċi.

57. It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' *data* personali għal għadd indefinit ta' persuni jista' jirriżulta f'aktar tixrid tad-*data* milli kien maħsub inizjalment. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-Internet u tal-magni tat-tiftix. Dan ifisser li l-kontrolluri għandhom awtomatikament jaġħtu lis-suġġetti tad-*data* l-opportunità li jintervjenu qabel ma d-*data* personali ssir disponibbli fuq l-Internet miftuħ. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tat-tfal u l-gruppi vulnerabbli.
58. Skont ir-raġunijiet legali għall-ipproċessar, l-opportunità ta' intervent tista' tvarja abbażi tal-kuntest tal-ipproċessar. Pereżempju, li jintalab il-kunsens biex id-*data* personali ssir aċċessibbli għall-pubbliku, jew biex ikun hemm settings tal-privatezza sabiex is-suġġetti tad-*data* nfushom ikunu jistgħu jikkontrollaw l-aċċess pubbliku.
59. Anke f'każ li dik id-*data* personali ssir disponibbli għall-pubbliku bil-permess u l-fehim tas-suġġett tad-*data*, dan ma jfissirx li kwalunkwe kontrollur ieħor b'aċċess għad-*data* personali jista' jipproċessaha liberament għall-finijiet tiegħu – huwa jrid ikollu bażi ġuridika separata.<sup>18</sup>

### 3 IMPLIMENTAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA FL-IPPROĊESSAR TAD-DATA PERSONALI PERMEZZ TA' PROTEZZJONI TAD-DATA MID-DISINN U B' MOD AWTOMATIKU

60. Fl-istadji kollha tad-disinn tal-attivitajiet tal-ipproċessar, inklużi l-akkwist, l-offerti, l-esternalizzazzjoni, l-iżvilupp, l-appoġġ, iż-żamma, l-ittestjar, il-ħżin, it-tħassir, eċċ., il-kontrollur għandu jqis u jikkunsidra l-elementi varji tad-DPbDD li jintwerew permezz ta' eżempji f'dan il-kapitolu fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-prinċipji.<sup>19 20 21</sup>
61. Il-kontrolluri jeħtieġ li jimplimentaw il-prinċipji biex jiksbu d-DPbDD. Dawn jinkludu: it-trasparenza, il-legalità, il-ġustizzja, il-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-preċiżjoni, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità, u l-obbligu ta' rendikont. Dawn il-prinċipji huma deskritti fl-Artikolu 5 u l-Premessa 39 tal-GDPR. Sabiex ikun hemm fehim sħiħ dwar kif għandu jiġi implimentat id-DPbDD, qed tiġi enfasizzata l-importanza li tintfiehem it-tifsira ta' kull wieħed mill-prinċipji.
62. Meta ppreżentajna l-eżempji ta' kif għandha tiġi operazzjonalizzata d-DPbDD, aħna elenkajna l-elementi ewlenin tad-DPbDD għal kull wieħed mill-prinċipji. L-eżempji, filwaqt li jenfasizzaw il-prinċipju speċifiku tal-protezzjoni tad-*data* inkwistjoni, jistgħu wkoll jirkbu fuq prinċipji oħra relatati mill-qrib. L-EDPB jissottolinja li l-elementi ewlenin u l-eżempji ppreżentati hawn taħt la huma eżawrjenti u lanqas vinkolanti, iżda huma maħsuba bħala elementi ta' gwida għal kull wieħed mill-prinċipji. Il-kontrolluri jeħtieġ li jivvalutaw kif għandhom jiggarantixxu l-konformità mal-prinċipji fil-kuntest tal-operazzjoni ta' pproċessar konkreta inkwistjoni.

<sup>18</sup> Ara l-Każ ta' Satakunnan Markkinapörssi Oy vs Satamedia Oy vs il-Finlandja nru 931/13

<sup>19</sup> Aktar eżempji jistgħu jinstabu fl-Awtorità Norveġiża tal-Protezzjoni tad-*Data*. "Żvilupp ta' Software bi Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b' Mod Awtomatiku". 28 ta' Novembru 2017. [www.datatilsynet.no/en/about-privacy/virksomhetenes-plikter/innebygd-personvern/data-protection-by-design-and-by-default/?id=7729](http://www.datatilsynet.no/en/about-privacy/virksomhetenes-plikter/innebygd-personvern/data-protection-by-design-and-by-default/?id=7729)

<sup>20</sup> <https://www.cnil.fr/en/cnil-publishes-gdpr-guide-developers>

<sup>21</sup> [https://www.aepd.es/sites/default/files/2019-12/guia-privacidad-desde-diseno\\_en.pdf](https://www.aepd.es/sites/default/files/2019-12/guia-privacidad-desde-diseno_en.pdf)

63. Filwaqt li din it-taqsimha tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipji, il-kontrollur jenħtieġ li jimplimenta wkoll modi *xierqa* u *effettivi* biex jipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, anke skont il-Kapitolu III fil-GDPR fejn dan ma jkunx diġà ngħata mandat mill-prinċipji nfushom.
64. Il-prinċipju ta' obbligu ta' rendikont huwa globali: jirrikjedi li l-kontrollur ikun responsabbli billi jagħżel il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali meħtieġa.

### 3.1 Trasparenza<sup>22</sup>

65. Il-kontrollur irid ikun ċar u miftuħ mas-suġġett tad-*data* dwar kif ikun se jiġbor, juża u jikkondividi d-*data* personali. It-trasparenza tikkonċerna l-fatt li s-suġġetti tad-*data* jifhemu, u jekk ikun meħtieġ, jużaw id-drittijiet tagħhom fl-Artikoli 15 sa 22. Il-prinċipju huwa inkorporat fl-Artikoli 12, 13, 14 u 34. Il-miżuri u s-salvagwardji stabbiliti biex jappoġġaw il-prinċipju tat-trasparenza għandhom jappoġġaw ukoll l-implimentazzjoni ta' dawn l-Artikoli.
66. Id-disinn ewlieni u l-elementi awtomatiċi għall-prinċipju tat-trasparenza jistgħu jinkludu:
- Ċarezza – L-informazzjoni għandha tkun f'lingwaġġ ċar u sempliċi, fil-qosor u li tista' tinftiehem.
  - Semantika – Il-komunikazzjoni għandu jkollha tifsira ċara għall-udjenza inkwistjoni.
  - Aċċessibbiltà - L-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli faċilment għas-suġġett tad-*data*.
  - Kuntestwali – L-informazzjoni għandha tingħata fil-ħin rilevanti u fil-forma xierqa.
  - Rilevanza – L-informazzjoni għandha tkun rilevanti u applikabbli għas-suġġett tad-*data* speċifiku.
  - Disinn universali – L-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għas-suġġetti tad-*data* kollha, inkluż l-użu ta' lingwi li jistgħu jinqraw mill-magni biex jiġu ffaċilitati u awtomatizzati l-kwalità tajba li tinftiehem u ċ-ċarezza.
  - Tista' tinftiehem – Is-suġġetti tad-*data* għandu jkollhom fehim raġonevoli ta' x'jistgħu jistennew fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, b'mod partikolari meta s-suġġetti tad-*data* jkunu tfal jew gruppi vulnerabbli oħra.
  - Bosta kanali – L-informazzjoni għandha tingħata b'kanali u midja differenti, mhux mit-test biss, biex tiżdied il-probabbiltà li l-informazzjoni tasal għand is-suġġett tad-*data* b'mod effettiv.
  - Stratifikata – L-informazzjoni għandha tkun stratifikata b'mod li tissolva t-tensjoni bejn il-kompletezza u l-fehim, filwaqt li jitqiesu l-aspettattivi raġonevoli tas-suġġetti tad-*data*.

#### Eżempju<sup>23</sup>

Kontrollur ikun qed ifassal politika ta' privatezza fuq is-siti web tiegħu sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti tat-trasparenza. Il-politika ta' privatezza ma għandux ikun fiha ammont kbir ta' informazzjoni li huwa diffiċli għas-suġġett medju tad-*data* biex jinterpreta u jifhem. Din għandha tinkiteb b'lingwaġġ ċar u konċiż u tagħmilha faċli għall-utent tas-siti web biex jifhem kif tiġi pproċessata d-*data* personali tiegħu. Għalhekk, il-kontrollur jipprovdi informazzjoni stratifikata, fejn jiġu enfasizzati l-punti l-aktar importanti. Informazzjoni aktar dettaljata hija disponibbli faċilment. Menus drop-down u links għal paġni oħra huma pprovduti biex tingħata spjegazzjoni ulterjuri tad-diversi oġġetti u kunċetti użati fil-politika. Il-kontrollur jiżgura wkoll li l-informazzjoni tiġi pprovduta permezz ta' bosta kanali, fejn

<sup>22</sup> Elaborazzjoni dwar kif għandu jinftiehem il-kunċett tat-trasparenza tista' tinstab fil-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. "Linji Gwida dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679". WP 260 rev.01, 11 ta' April 2018. [ec.europa.eu/newsroom/article29/document.cfm?action=display&doc\\_id=51025](https://ec.europa.eu/newsroom/article29/document.cfm?action=display&doc_id=51025) - approvati mill-EDPB

<sup>23</sup> L-Awtorità Franċiża tal-Protezzjoni tad-*Data* ppubblikat diversi eżempji li juru l-aħjar Prattika dwar kif għandhom jiġu infurmati l-utenti, kif ukoll prinċipji ta' trasparenza oħra: <https://design.cnil.fr/en/>

jipprovdi vidjos biex jispjega l-punti l-aktar importanti tal-informazzjoni. Is-sinerġija bejn id-diversi paġni hija vitali biex jiġi żgurat li l-approċċ stratifikat ma jkabbarx il-konfużjoni, anzi minflok jnaqqasha.

Il-politika ta' privatezza ma għandhiex tkun diffiċli biex is-suġġetti tad-*data* jaċċessawha. Għalhekk, il-politika ta' privatezza tkun disponibbli u viżibbli fuq il-paġni web kollha tas-sit inkwistjoni, sabiex is-suġġett tad-*data* dejjem ikun klikk waħda 'l bogħod milli jaċċessa l-informazzjoni. L-informazzjoni pprovduta titfassal ukoll f'konformità mal-aħjar Prattika u standards tad-disinn universali, biex tkun aċċessibbli għal kulħadd.

Barra minn hekk, l-informazzjoni neċessarja trid tingħata wkoll fil-kuntest it-tajjeb u fil-ħin it-tajjeb. Peress li l-kontrollur iwettaq ħafna operazzjonijiet ta' pproċessar bl-użu tad-*data* miġbura fuq is-sit web, politika ġenerali ta' privatezza fuq is-sit web biss mhijiex biżżejjed biex il-kontrollur jissodisfa r-rekwiżiti tat-trasparenza. Għalhekk, il-kontrollur ifassal fluss ta' informazzjoni, fejn jippreżenta lis-suġġett tad-*data* l-informazzjoni rilevanti fi ħdan il-kuntesti xierqa bl-użu ta' eż. taqsiriet informattivi jew pop-ups. Pereżempju, meta s-suġġett tad-*data* jintalab idaħħal *data* personali, il-kontrollur jinforma lis-suġġett tad-*data* dwar kif id-*data* personali tkun se tiġi pproċessata u għalfejn dik id-*data* personali tkun meħtieġa għall-ipproċessar.

### 3.2 Legalità

67. Il-kontrollur għandu jidentifika bażi ġuridika valida għall-ipproċessar tad-*data* personali. Il-miżuri u s-salvagwardji għandhom jappoġġaw ir-rekwiżiti li jiġi żgurat li ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-ipproċessar ikun jikkonforma mal-bażijiet ġuridiċi rilevanti tal-ipproċessar.
68. L-elementi ewlenin għal-legalità mid-disinn u b'mod awtomatiku jistgħu jinkludu:
- Rilevanza – Għandha tiġi applikata l-bażi ġuridika korretta għall-ipproċessar
  - Differenzjazzjoni<sup>24</sup> – Il-bażi ġuridika użata għal kull attività ta' pproċessar għandha tkun differenzjata.
  - Skop speċifiku - Il-bażi ġuridika xierqa trid tkun konnessa b'mod ċar mal-iskop speċifiku tal-ipproċessar.<sup>25</sup>
  - Neċessità – L-ipproċessar irid ikun neċessarju u bla kundizzjonijiet għall-iskop biex ikun legali.
  - Awtonomija – Is-suġġett tad-*data* għandu jingħata l-ogħla grad ta' awtonomija possibbli fir-rigward tal-kontroll fuq id-*data* personali fi ħdan l-oqfsa tal-bażi ġuridika.
  - Il-kisba ta' kunsens — il-kunsens irid jingħata b'mod liberu, speċifiku, infurmat u mhux ambigwu.<sup>26</sup> Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-kapaċità tat-tfal u ż-żgħira li jipprovdu kunsens infurmat.
  - Irtirar tal-kunsens – Meta l-kunsens ikun il-bażi ġuridika, l-ipproċessar għandu jiffaċilita l-irtirar tal-kunsens. L-irtirar għandu jkun daqstant faċli daqs l-għoti ta' kunsens. Jekk le, allura l-mekkaniżmu ta' kunsens tal-kontrollur mhuwiex konformi mal-GDPR.<sup>27</sup>
  - L-ibbilanċjar tal-interessi – Meta l-interessi leġittimi jkunu l-bażi ġuridika, il-kontrollur irid iwettaq ibbilanċjar ponderat tal-interess, filwaqt li jqis b'mod partikolari l-iżbilanċ tal-poter,

<sup>24</sup> L-EDPB. "Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data*". Verżjoni 2.0, 8 ta' Ottubru 2019. [edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb\\_guidelines-art\\_6-1-b-adopted\\_after\\_public\\_consultation\\_en.pdf](https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines-art_6-1-b-adopted_after_public_consultation_en.pdf)

<sup>25</sup> Ara t-taqsimha dwar il-limitazzjoni tal-iskop hawn taħt

<sup>26</sup> Ara l-Linji Gwida 05/2020 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679. [https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-052020-consent-under-regulation-2016679\\_en](https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-052020-consent-under-regulation-2016679_en)

<sup>27</sup> Ara l-Linji Gwida 05/2020 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, p. 24. [https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-052020-consent-under-regulation-2016679\\_en](https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-052020-consent-under-regulation-2016679_en)



speċifikament tfal li għandhom inqas minn 18-il sena u gruppi vulnerabbli oħra. Għandu jkun hemm miżuri u salvagwardji biex jitnaqqas l-impatt negattiv fuq is-suġġetti tad-*data*.

- Predeterminazzjoni – Il-bażi ġuridika għandha tiġi stabbilita qabel iseħħ l-ipproċessar.
- Waqfien – Jekk il-bażi ġuridika ma tibqax applika, l-ipproċessar għandu jieqaf kif meħtieġ.
- Aġġustament – Jekk ikun hemm bidla valida tal-bażi ġuridika għall-ipproċessar, dan irid jiġi aġġustat f'konformità mal-bażi ġuridika l-ġdida.
- Allokazzjoni tar-responsabbiltà – Kull meta jkun previst kontroll konġunt, il-partijiet iridu jqassmu r-responsabbiltajiet tagħhom b'mod ċar u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data*, u jfasslu l-miżuri tal-ipproċessar f'konformità ma' din l-alkokazzjoni.

### Eżempju

Bank ikun biħsiebu joffri servizz biex itejjeb l-effiċjenza fil-ġestjoni ta' applikazzjonijiet għal self. L-idea wara s-servizz hija li l-bank, billi jitlob permess mingħand il-klijent, ikun jista' jirkupra *data* dwar il-klijent direttament mill-awtoritajiet tat-taxxa pubblika. Dan l-eżempju ma jqisx l-ipproċessar ta' *data* personali minn sorsi oħra.

Il-kisba ta' *data* personali dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tas-suġġett tad-*data* hija meħtieġa sabiex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-*data* qabel ma jidħol f'kuntratt ta' self.<sup>28</sup> Madankollu, il-ġbir ta' *data* personali direttament mill-amministrazzjoni tat-taxxa mhuwiex meqjus neċessarju, minħabba li l-klijent jista' jidħol f'kuntratt billi jipprovi l-informazzjoni mill-amministrazzjoni tat-taxxa huwa jew hija stess. Għalkemm il-bank jista' jkollu interess leġittimu li jikseb id-dokumentazzjoni mingħand l-awtoritajiet tat-taxxa b'mod dirett, pereżempju biex tiġi żgurata l-effiċjenza fl-ipproċessar tas-self, l-għoti ta' tali aċċess dirett għad-*data* personali tal-applikanti lill-banek jippreżenta riskji relatati mal-użu jew l-użu ħażin potenzjali tad-drittijiet ta' aċċess

Meta jimplementa l-prinċipju tal-legalità, il-kontrollur jirrealizza li f'dan il-kuntest, ma jistax juża l-bażi ta' "neċessarju għall-kuntratt" għall-parti tal-ipproċessar li jinvolvi l-ġbir tad-*data* personali direttament mill-awtoritajiet tat-taxxa. Il-fatt li dan l-ipproċessar speċifiku jippreżenta riskju li s-suġġett tad-*data* jsir inqas involut fl-ipproċessar tad-*data* tiegħu huwa wkoll fattur rilevanti fil-valutazzjoni tal-legalità tal-ipproċessar innifsu. Il-bank jikkonkludi li din il-parti tal-ipproċessar għandha tiddependi minn bażi ġuridika oħra tal-ipproċessar. Fl-Istat Membru partikolari fejn ikun jinsab il-kontrollur, hemm liġijiet nazzjonali li jippermettu lill-bank jiġbor informazzjoni direttament mill-awtoritajiet tat-taxxa pubbliċi, fejn is-suġġett tad-*data* jagħti l-kunsens tiegħu għal dan minn qabel.

Għalhekk, il-bank jippreżenta informazzjoni dwar l-ipproċessar fuq il-pjattaforma online tal-applikazzjonijiet b'tali mod li jkun faċli biex is-suġġetti tad-*data* jifhmu liema pproċessar huwa obligatorju u liema huwa fakultattiv. B'mod awtomatiku, l-għażliet ta' pproċessar ma jippermettux l-irkupru tad-*data* direttament minn sorsi oħra li mhumix is-suġġett tad-*data* nnifsu, u l-għażla għal irkupru dirett tal-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod li ma jkunx ta' deterrent biex is-suġġett tad-*data* jastjeni. Kwalunkwe kunsens mogħti għall-ġbir ta' *data* direttament minn kontrolluri oħra huwa dritt ta' aċċess temporanju għal sett speċifiku ta' informazzjoni.

Kwalunkwe kunsens mogħti jiġi pproċessat b'mod elettroniku b'mod li jista' jiġi ddokumentat, u s-suġġetti tad-*data* jingħataw mod faċli kif jikkontrollaw dak li jkunu taw il-kunsens tagħhom għalih u kif jirtiraw il-kunsens tagħhom.

Il-kontrollur ikun iwwaluta dawn ir-rekwiżiti tad-DPbDD minn qabel u jinkludi dawn il-kriterji kollha fl-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti tiegħu għall-offerta biex jakkwista l-pjattaforma. Il-kontrollur huwa konxju

<sup>28</sup> Ara l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR

mill-fatt li jekk ma jinkludix ir-rekwiżiti tad-DPbDD fl-offerta, hemm çans li jew ikun tard wisq jew inkella jkun proċess jiswa ħafna biex tiġi implimentata l-protezzjoni tad-*data* wara.

### 3.3 Ġustizzja

69. Il-ġustizzja hija prinċipju globali li jirrikjedi li d-*data* personali ma tiġix ipproċessata b'mod li jkun inġustifikabbilment detrimental, illegalment diskriminatorju, mhux mistenni jew qarrieqi għas-suġġett tad-*data*. Il-miżuri u s-salvagwardji li jimplimentaw il-prinċipju tal-ġustizzja jappoġġaw ukoll id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, speċifikament id-dritt għall-informazzjoni (trasparenza), id-dritt ta' intervent (aċċess, tħassir, portabbiltà tad-*data*, rettifika) u d-dritt ta' limitazzjoni tal-ipproċessar (dritt li wieħed ma jkunx suġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u nondiskriminazzjoni tas-suġġetti tad-*data* f'dawn il-proċessi).
70. L-elementi ewlenin mid-disinn u ġusti b'mod awtomatiku jistgħu jinkludu:
- Awtonomija – Is-suġġetti tad-*data* għandhom jingħataw l-ogħla grad ta' awtonomija possibbli biex jiddeterminaw l-użu li jsir mid-*data* personali tagħhom, kif ukoll fuq il-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' dak l-użu jew l-ipproċessar.
  - Interazzjoni – Is-suġġetti tad-*data* jridu jkun jistgħu jikkomunikaw u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward tad-*data* personali pproċessata mill-kontrollur.
  - Aspettattiva – L-ipproċessar għandu jikkorrispondi mal-aspettattivi raġonevoli tas-suġġetti tad-*data*.
  - Nondiskriminazzjoni – Il-kontrollur ma għandux jiddiskrimina b'mod inġust fil-konfront tas-suġġetti tad-*data*.
  - Nuqqas ta' sfruttament – Il-kontrollur ma għandux jisfrutta l-ħtiġijiet jew il-vulnerabbiltajiet tas-suġġetti tad-*data*.
  - Għażla tal-konsumatur – Il-kontrollur ma għandux "isakkar" lill-utenti tiegħu b'mod inġust. Kull meta servizz ta' pproċessar ta' *data* personali jkun proprjetarju, dan jista' joħloq sitwazzjoni li ssakkar lill-utent u ma tħalliha juża s-servizz, li jista' ma jkunx ġust, jekk ifixkel il-possibbiltà tas-suġġetti tad-*data* li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' portabbiltà tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 20.
  - Bilanċ tal-poter – Il-bilanċ tal-poter għandu jkun objettiv ewleni tar-relazzjoni bejn il-kontrollur u s-suġġett tad-*data*. L-iżbilanċ tal-poter għandhom jiġu evitati. Meta dan ma jkunx possibbli, dawn għandhom jiġu rikonossuti u jitqiesu b'kontromiżuri xierqa.
  - L-ebda trasferiment tar-riskju – Il-kontrolluri ma għandhomx jittrasferixxu r-riskju tal-intrapriża fuq is-suġġetti tad-*data*.
  - L-ebda qerq – L-informazzjoni u l-għażliet tal-ipproċessar tad-*data* għandhom jiġu pprovduti b'mod oġġettiv u newtrali, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe lingwaġġ jew disinn qarrieqi jew manipulattiv.
  - Rispett għad-drittijiet – Il-kontrollur irid jirrispetta d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* u jimplimenta miżuri u salvagwardji xierqa u ma jaffettwax dawk id-drittijiet sakemm ma jkunx iġġustifikat b'mod espliċitu mil-liġi.
  - Etika – Il-kontrollur għandu jqis l-impatt usa' tal-ipproċessar fuq id-drittijiet u d-dinjità tal-individwi.
  - Verità – Il-kontrollur irid jagħmel l-informazzjoni dwar kif jipproċessa d-*data* personali disponibbli, huwa għandu jaġixxi kif jiddikjara li se jagħmel u ma jqarraqx bis-suġġetti tad-*data*.

- Intervent mill-bniedem – Il-kontrollur irid jinkorpora intervent *kwalifikat* mill-bniedem li jkun kapaċi jikxef il-preġudizzji li l-magni jistgħu joħolqu f'konformità mad-dritt li wieħed ma jkunx soġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati fl-Artikolu 22.<sup>29</sup>
- Algoritmi ġusti – Jiġi vvalutat b'mod regolari jekk l-algoritmi humiex qed jiffunzjonaw f'konformità mal-iskopijiet u l-algoritmi jiġu aġġustati biex jimmitigaw il-preġudizzji skoperti u jiżguraw l-ekwità fl-ipproċessar. Is-suġġetti tad-*data* għandhom jiġu infurmati dwar il-funzjonament tal-ipproċessar ta' *data* personali abbażi ta' algoritmi li janalizzaw jew jagħmlu tbassir dwarhom, bħall-prestazzjoni tax-xogħol, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba, il-post jew il-movimenti.<sup>30</sup>

### Eżempju 1

Kontrollur jopera magna tat-tiftix li fil-biċċa l-kbira tipproċessa *data* personali ġġenerata mill-utent. Il-kontrollur jibbenefika milli jkollu ammonti kbar ta' *data* personali u milli jkun jista' juża dik id-*data* personali għal reklamar immirat. Għalhekk, il-kontrollur ikun jixtieq jinfluwenza lis-suġġetti tad-*data* biex jippermettu l-ġbir u l-użu estensiv tad-*data* personali tagħhom. Il-kunsens għandu jinġabar billi jiġu ppreżentati għażliet tal-ipproċessar lis-suġġett tad-*data*.

Meta jimplementa l-prinċipju tal-ġustizzja, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-iskop tal-ipproċessar, il-kontrollur jirrealizza li ma jistax jippreżenta l-għażliet b'mod li jħeġġeġ lis-suġġett tad-*data* biex iħalli lill-kontrollur jiġbor aktar *data* personali, aktar milli kieku l-għażliet jiġu ppreżentati b'mod ugwali u newtrali. Dan ifisser li huwa ma jistax jippreżenta l-għażliet ta' pproċessar b'mod li jagħmilha diffiċli li s-suġġetti tad-*data* jastjenu mill-kondiviżjoni tad-*data* tagħhom, jew jagħmilha diffiċli li s-suġġetti tad-*data* jaġġustaw il-konfigurazzjonijiet ta' privatezza tagħhom u jillimitaw l-ipproċessar. Dawn huma eżempji ta' mudelli qarrieqa, li jmorru kontra l-ispirtu tal-Artikolu 25. L-għażliet awtomatiċi għall-ipproċessar ma għandhomx ikunu invażivi, u l-għażla għal ipproċessar ulterjuri għandha tiġi ppreżentata b'mod li ma jagħmilx pressjoni fuq is-suġġett tad-*data* biex jagħti l-kunsens. Għalhekk, il-kontrollur jippreżenta l-għażliet biex wieħed jagħti l-kunsens jew jastjeni bħala żewġ għażliet viżibbli b'mod ugwali, li jirrappreżentaw b'mod preċiż ir-ramifikazzjonijiet ta' kull għażla lis-suġġett tad-*data*.

### Eżempju 2

Kontrollur ieħor jipproċessa d-*data* personali għall-forniment ta' servizz ta' streaming fejn l-utenti jistgħu jagħżlu bejn abbonament regolari ta' kwalità standard u abbonament primjum bi kwalità oġhla. Bħala parti mill-abbonament primjum, l-abbonati jingħataw servizz għall-klijenti prijoritizzat.

Fir-rigward tal-prinċipju tal-ġustizzja, is-servizz għall-konsumaturi prijoritizzat mogħti lill-abbonati primjum ma jistax jiddiskrimina l-aċċess tal-abbonati regolari biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, skont l-Artikolu 12 tal-GDPR. Dan ifisser li għalkemm l-abbonati primjum jingħataw servizz prijoritizzat, din il-prijoritizzazzjoni ma tistax tirriżulta f'nuqqas ta' miżuri xierqa biex ikun hemm rispons għal talbiet

<sup>29</sup> Ara l-Linji gwida dwar it-Teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet individwali u t-Tfassil ta' Profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679.

[https://ec.europa.eu/newsroom/article29/document.cfm?action=display&doc\\_id=49826](https://ec.europa.eu/newsroom/article29/document.cfm?action=display&doc_id=49826)

<sup>30</sup> Ara l-Premessa 71 tal-GDPR

minn abbonati regolari mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta jiġu riċevuti t-talbiet.

Klijenti prijoritizzati jistgħu jħallsu biex jirċievu servizz aħjar, iżda s-suġġetti tad-*data* kollha għandu jkollhom aċċess ugwali u mhux diskriminatorju biex jinfurzaw id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom kif meħtieġ skont l-Artikolu 12.

### 3.4 Limitazzjoni tal-iskop<sup>31</sup>

71. Il-kontrollur irid jiġbor *data* għal skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi, u ma għandux jipproċessa *data* ulterjorment b'mod li jkun inkompatibbli mal-iskopijiet li għaliha tkun inġabret.<sup>32</sup> Għalhekk, id-disinn tal-ipproċessar għandu jirrifletti dak li jkun neċessarju biex jintlaħqu l-iskopijiet. Jekk ikun se jseħħ dan l-ipproċessar ulterjuri, il-kontrollur l-ewwel irid jiżgura li dan l-ipproċessar ikollu skopijiet kompatibbli ma' daww oriġinali, u jfassal il-proċess kif meħtieġ. Il-kompatibbiltà, jew le, ta' skop ġdid għandha tiġi vvalutata skont il-kriterji fl-Artikolu 6(4).
72. L-elementi ewlenin mid-disinn u l-limitazzjoni tal-iskop b'mod awtomatiku jistgħu jinkludu:
- Predeterminazzjoni – L-iskopijiet leġittimi jridu jiġu ddeterminati qabel id-disinn tal-ipproċessar.
  - Speċifità – L-iskopijiet għandhom jiġu speċifikati u jkunu espliċiti dwar għaliex id-*data* personali qed tiġi pproċessata.
  - Orjentazzjoni tal-iskop – L-iskop tal-ipproċessar għandu jiggwida d-disinn tal-ipproċessar u jistabbilixxi l-limiti tal-ipproċessar.
  - Neċessità – L-iskop jiddetermina liema *data* personali tkun neċessarja għall-ipproċessar.
  - Kompatibbiltà – Kwalunkwe skop ġdid irid ikun kompatibbli mal-iskop oriġinali li għalih tkun inġabret id-*data*, u jrid jiggwida l-bidliet rilevanti fid-disinn.
  - Limitazzjoni tal-ipproċessar ulterjuri – Il-kontrollur ma għandux jagħmel konnessjoni bejn is-settijiet ta' *data* jew iwettaq xi pproċessar ulterjuri għal skopijiet inkompatibbli ġodda.
  - Limitazzjonijiet tal-użu mill-ġdid – Il-kontrollur għandu juża miżuri tekniċi, inkluż hashing u kriptaġġ, biex jillimita l-possibbiltà tal-użu mill-ġdid tad-*data* personali. Il-kontrollur għandu jkollu wkoll miżuri organizzazzjonali, bħal politiki u obbligi kuntrattwali, li jillimitaw l-użu mill-ġdid tad-*data* personali.
  - Rieżami – Il-kontrollur għandu jirrieżamina b'mod regolari jekk l-ipproċessar ikunx neċessarju għall-iskopijiet li għalihom tkun inġabret id-*data* u jittestja d-disinn bi tqabbil mal-limitazzjoni tal-iskop.

#### Eżempju

Il-kontrollur jipproċessa *data* personali dwar il-klijenti tiegħu. L-iskop tal-ipproċessar huwa l-issodisfar ta' kuntratt, jiġifieri li l-oġġetti jkunu jistgħu jiġu kkonsenjati fl-indirizz korrett u li jinkiseb pagament.

<sup>31</sup> Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 ipprova gwida għall-fehim tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop skont id-Direttiva 95/46/KE. Għalkemm l-Opinjoni mhijiex adottata mill-EDPB, din xorta waħda tista' tkun rilevanti billi l-formulazzjoni tal-prinċipju hija l-istess taħt il-GDPR. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. "Opinjoni 3/2013 dwar il-limitazzjoni tal-iskop". WP 203, 2 ta' April 2013. [ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2013/wp203\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2013/wp203_en.pdf)

<sup>32</sup> L-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR.

Id-*data* personali maħżuna hija l-istorja tax-xiri, l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-email u n-numru tat-telefon.

Il-kontrollur ikun qed iqis li jixtri prodott ta' Ġestjoni tar-Relazzjoni mal-Klijenti (CRM) li jiġbor id-*data* kollha dwar il-klijenti, dwar il-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz għall-klijenti, f'post wieħed. Il-prodott jagħti l-opportunità li jinħażnu t-telefonati, l-attivitajiet, id-dokumenti, l-emails u l-kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni kollha, biex tinkiseb stampa panoramika tal-klijent. Barra minn hekk, is-CRM hija kapaċi tanalizza b'mod awtomatiku l-kapaċità tal-akkwist tal-klijenti billi tuża informazzjoni pubblika. L-iskop tal-analiżi huwa li l-attivitajiet ta' reklamar jiġu mmirati aħjar. Dawk l-attivitajiet ma jiffurmawx parti mill-iskop legali oriġinali tal-ipproċessar.

Biex jikkonforma mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, il-kontrollur jirrikjedi li l-fornitur tal-prodott jimmappja l-attivitajiet differenti ta' pproċessar li jużaw *data* personali għall-iskopijiet rilevanti għall-kontrollur.

Wara li jirċievi r-riżultati tal-immappjar, il-kontrollur jivvaluta jekk l-iskop il-ġdid tal-kummerċjalizzazzjoni u l-iskop tar-reklamar fil-mira humiex kompatibbli mal-iskopijiet oriġinali definiti meta nġabret id-*data*, u jekk hemmx bażi ġuridika suffiċjenti għall-ipproċessar rispettiv. Jekk il-valutazzjoni ma tagħtix tweġiba pożittiva, il-kontrollur ma għandux jipproċedi bl-użu tal-funzjonalitajiet rispettivi. Inkella, il-kontrollur jista' jagħżel li jirrinunzja l-valutazzjoni u sempliċement ma jużax il-funzjonalitajiet deskritti tal-prodott.

### 3.5 Minimizzazzjoni tad-*Data*

73. Għandha tiġi pproċessata biss *data* personali li tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li jkun **neċessarju** għall-iskop.<sup>33</sup> B'riżultat ta' dan, il-kontrollur irid jiddetermina minn qabel liema karatteristiċi u parametri tas-sistemi ta' pproċessar u l-funzjonijiet ta' sostenn tagħhom huma permissibbli. Il-minimizzazzjoni tad-*data* ssostni u tħaddem il-prinċipju tan-neċessità. Fl-ipproċessar ulterjuri, il-kontrollur għandu jqis perjodikament jekk id-*data* personali pproċessata tkunx għadha adegwata, rilevanti u neċessarja, jew jekk id-*data* għandhiex titħassar jew tiġi anonimizzata.
74. L-ewwel nett, il-kontrolluri għandhom jiddeterminaw jekk huma jeħtiġux jipproċessaw id-*data* personali għall-iskopijiet rilevanti tagħhom. Il-kontrollur għandu jivverifika jekk l-għanijiet rilevanti jistgħux jinkisbu bl-ipproċessar ta' inqas *data* personali, jew billi jkollu inqas *data* personali dettaljata jew aggregata jew mingħajr ma jkollu għalfejn jipproċessa d-*data* personali<sup>34</sup>. Tali verifika għandha ssejtn qabel ma jsejtn kwalunkwe pproċessar, iżda tista' titwettaq ukoll fi kwalunkwe punt matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ipproċessar. Dan huwa konsistenti mal-Artikolu 11 ukoll.
75. Il-minimizzazzjoni tista' tirreferi wkoll għall-grad ta' identifikazzjoni. Jekk l-iskop tal-ipproċessar ma jkunx jeħtieġ li s-sett finali tad-*data* jirreferi għal individwu identifikat jew identifikabbli (bħal fl-istatistika), iżda dan ikun il-każ fl-ipproċessar inizjali (eż. qabel l-aggregazzjoni tad-*data*), allura l-kontrollur għandu janonimizza d-*data* personali malli l-identifikazzjoni ma tkunx għadha meħtieġa. Jew, jekk tkun meħtieġa identifikazzjoni kontinwa għal attivitajiet oħra tal-ipproċessar, id-*data* personali għandha tiġi psewdonimizzata biex jiġu mmitigati r-riskji għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

<sup>33</sup> L-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR

<sup>34</sup> Premessa 39 tal-GDPR tiddikjara dan: "...Id-*data* personali għandha tkun ipproċessata biss jekk il-fini tal-ipproċessar ma jkunx jista' jintlaħaq mod ieħor b'mod raġonevoli."

76. L-elementi ewlenin mid-disinn u l-minimizzazzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku jistgħu jinkludu:
- Evitar tad-*data* - Evitar tal-ipproċessar tad-*data* personali għalkollox meta dan ikun possibbli għall-iskop rilevanti.
  - Limitazzjoni – Limitazzjoni tal-ammont ta' *data* personali miġbura għal dak li jkun neċessarju għall-iskop
  - Limitazzjoni tal-aċċess – L-ipproċessar tad-*data* jiffassal b'mod li għadd minimu ta' persuni jeħtieġu aċċess għal *data* personali biex iwettqu dmirijiethom, u l-aċċess jiġi limitat kif xieraq.
  - Rilevanza – Id-*data* personali għandha tkun rilevanti għall-ipproċessar inkwistjoni, u l-kontrollur għandu jkun jista' juri din ir-rilevanza.
  - Neċessità – Kull kategorija tad-*data* personali għandha tkun meħtieġa għall-iskopijiet speċifikati u għandha tiġi pproċessata biss jekk ma jkunx possibbli l-issodisfar b'xi mod ieħor.
  - Aggregazzjoni – Uża *data* aggregata meta jkun possibbli.
  - Pseudonimizzazzjoni – Pseudonimizzazzjoni tad-*data* personali malli ma tibqax neċessarja *data* personali identifikabbli direttament, u ħżin tal-kjavi tal-identifikazzjoni separatament.
  - Anonimizzazzjoni u tħassir – Fejn id-*data* personali ma tkunx, jew ma tkunx għadha neċessarja għall-iskop, id-*data* personali għandha tiġi anonimizzata jew titħassar.
  - Fluss tad-*data* – Il-fluss tad-*data* għandu jkun effiċjenti biżżejjed biex ma joħloqx aktar kopji milli jkun meħtieġ.
  - "L-ogħla livell ta' żvilupp tekniku" – Il-kontrollur għandu japplika teknoloġiji aġġornati u xierqa għall-evitar u l-minimizzazzjoni tad-*data*.

#### Eżempju 1

Ħanut tal-kotba jrid iżid mad-dħul tiegħu billi jbigħ il-kotba online. Sid il-ħanut tal-kotba jrid jistabbilixxi formola standardizzata għall-proċess tal-ordnijiet. Biex jiżgura li l-klijenti jimlew l-informazzjoni mixtieqa kollha, sid il-ħanut tal-kotba jara li l-kaxex kollha fil-formola jkunu obligatorji (jekk ma jimliex il-kaxex kollha, il-klijent ma jkunx jista' jordna). Sid il-ħanut online inizjalment juża formola ta' kuntatt standard, li titlob informazzjoni inkluż id-data tat-twelid, in-numru tat-telefon u l-indirizz domiciliari tal-klijent. Madankollu, mhux il-kaxex kollha fil-formola jkunu strettament neċessarji għall-iskop tax-xiri u l-konsenja tal-kotba. F'dan il-każ partikolari, jekk is-suġġett tad-*data* jħallas għall-prodott bil-quddiem, id-data tat-twelid u n-numru tat-telefon tas-suġġett tad-*data* ma jkunx meħtieġa għax-xiri tal-prodott. Dan ifisser li dawn ma jistgħux ikunu kaxex meħtieġa fil-formola online biex jordnaw il-prodott, sakemm il-kontrollur ma jkunx jista' juri b'mod ċar li huwa meħtieġ mod ieħor, u għaliex l-kaxex huma meħtieġa. Barra minn hekk, hemm sitwazzjonijiet fejn indirizz ma jkunx meħtieġ. Pereżempju, meta jordna e-Ktieb, il-klijent jista' jniżżel il-prodott direttament fuq l-apparat tiegħu.

Għalhekk, sid il-ħanut online jiddeċiedi li jagħmel żewġ formoli online: waħda biex jiġu ordnati l-kotba, b'kaxxa għall-indirizz tal-klijent, u formola online oħra biex jiġu ordnati e-Kotba mingħajr kaxxa għall-indirizz tal-klijent.

#### Eżempju 2

Kumpanija tat-trasport pubbliku tixtieq tiġbor informazzjoni statistika abbażi tar-rotot tal-vjaġġaturi. Dan huwa utli għall-iskopijiet li jsiru għażliet jew bidliet xierqa fl-iskedi tat-trasport pubbliku u fir-rotot xierqa tal-ferroviji. Il-passiġġieri jridu jgħaddu l-biljett minn ġo apparat li jaqrah kull darba li jidħlu jew

joħorġu minn mezz tat-trasport. Wara li jkun wettaq valutazzjoni tar-riskju relatata mad-drittijiet u l-libertajiet tal-passiġġieri fir-rigward tal-ġbir tar-rotot tal-ivvjaġġar tal-passiġġieri, il-kontrollur jistabbilixxi li huwa possibbli li jiġu identifikati l-passiġġieri f'ċirkostanzi fejn ikunu jgħixu jew jaħdmu f'żoni b'popolazzjoni baxxa abbażi tal-identifikazzjoni ta' rotta unika bis-saħħa tal-identifikatur tal-biljett. Għalhekk, billi mhuwiex meħtieġ għall-iskop tal-ottimizzazzjoni tal-iskedi tat-trasport pubbliku u tar-rotot tal-ferroviji, il-kontrollur ma jaħżinx l-identifikatur tal-biljett. Ladarba l-vjaġġ ikun intemm, il-kontrollur jaħżen biss ir-rotot tal-ivvjaġġar individwali sabiex ma jkunx jista' jidentifika vjaġġi konnessi ma' biljett wieħed, iżda jżomm biss informazzjoni dwar rotot tal-ivvjaġġar separati.

F'każijiet fejn xorta jista' jkun hemm riskju li persuna tiġi identifikata permezz tar-rotta tal-ivvjaġġar bit-trasport pubbliku tagħha biss, il-kontrollur jimplementa miżuri statistiċi biex inaqqas ir-riskju, bħal pereżempju jelimina l-bidu u t-tmiem tar-rotta.

### Eżempju 3

Kurrier ikollu l-għan li jivvaluta l-effettività tal-konsenji tiegħu f'termini tal-ħinijiet tal-konsenja, tal-iskedar tat-tagħbija tax-xogħol u tal-konsum ta' karburant. Sabiex jilħaq dan l-għan, il-kurrier irid jipproċessa ammont ta' *data* personali relatata kemm mal-impjegati (sewwieqa) kif ukoll mal-klijenti (indirizzi, oġġetti li jridu jiġu kkonsenjati, eċċ.). L-operazzjoni ta' pproċessar tinvolvi riskji kemm fil-monitoraġġ tal-impjegati, li jeħtieġ salvagwardji legali speċifiċi, kif ukoll fit-traċċar tad-drawwiet tal-klijenti permezz tal-għarfien tal-oġġetti kkonsenjati matul iż-żmien. Dawn ir-riskji jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti bil-psewdonimizzazzjoni xierqa tal-impjegati u tal-klijenti. B'mod partikolari, jekk il-kjavi tal-psewdonimizzazzjoni jkunu soġġetti għal rotazzjoni frekwenti u jitqiesu żoni makro minflok indirizzi dettaljati, għandha tinkiseb minimizzazzjoni tad-*data* effettiva u l-kontrollur ikun jista' jiffoka unikament fuq il-proċess tal-konsenja u fuq l-iskop tal-ottimizzazzjoni tar-riżorsi, mingħajr ma jaqbeż il-limitu tal-monitoraġġ tal-imġiba ta' individwi (ta' klijenti jew ta' impjegati).

### Eżempju 4

Sptar jiġbor *data* dwar il-pazjenti tiegħu f'sistema ta' informazzjoni tal-isptar (rekord elettroniku tas-saħħa). Il-persunal tal-isptar jeħtieġ li jkollu aċċess għall-fajls tal-pazjenti biex jinforma d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kura u t-trattament tal-pazjenti, u għad-dokumentazzjoni tal-azzjonijiet dijanjostiċi, tal-kura u tat-trattament kollha li jkunu ttieħdu. B'mod awtomatiku, l-aċċess jingħata biss lil dawk il-membri tal-persunal mediku li huma assenjati għat-trattament tal-pazjent rispettiv fid-dipartiment tal-ispeċjalità li hi jew hu jkunu assenjati għalih. Il-grupp ta' persuni b'aċċess għall-fajl ta' pazjent jikber jekk dipartimenti jew unitajiet dijanjostiċi oħra jkunu involuti fil-kura. Wara li l-pazjent jiġi rilaxxat, u ssir il-fatturazzjoni, l-aċċess jitnaqqas għal grupp żgħir ta' impjegati għal kull dipartiment ta' speċjalità li jwieġbu talbiet għal informazzjoni medika jew konsultazzjoni magħmula jew mitluba minn fornituri ta' servizzi mediċi oħra bl-awtorizzazzjoni mill-pazjent rispettiv.

## 3.6 Preċiżjoni

77. Id-*data* personali għandha tkun preċiża u tinżamm aġġornata, u jrid jittieħed kull pass raġonevoli biex jiġi żgurat li *data* personali li ma tkunx preċiża, filwaqt li jitqiesu l-iskopijiet li għalihom tiġi pproċessata, titħassar jew tiġi rettifikata mingħajr dewmien.<sup>35</sup>
78. Ir-rekwiżiti għandhom jitqiesu b'relazzjoni mar-riskji u l-konsegwenzi tal-użu konkret tad-*data*. *Data* personali li mhijiex preċiża tista' tkun ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, pereżempju meta twassal għal dijanjożi skorretta jew trattament ħażin ta' protokoll tas-saħħa, jew immaġni skorretta ta' persuna tista' twassal għat-teħid ta' deċiżjonijiet fuq bażi ħażina, jew manwalment, bl-użu ta' teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet, jew permezz ta' intelliġenza artifiċjali.
79. L-elementi ewlenin mid-disinn u ta' akkuratezza b'mod awtomatiku jistgħu jinkludu:
- Sors tad-*data* – Sorsi tad-*data* personali għandhom ikunu affidabbli f'termini ta' preċiżjoni tad-*data*.
  - Grad ta' preċiżjoni – Kull element tad-*data* personali għandu jkun preċiż kemm meħtieġ għall-iskopijiet speċifikati.
  - Preċiżjoni li tista' titkejjel - jitnaqqas l-għadd ta' pożittivi/negattivi foloz, pereżempju preġudizzji f'deċiżjonijiet awtomatizzati u fl-intelliġenza artifiċjali.
  - Verifika – Skont in-natura tad-*data*, b'relazzjoni għal kemm tista' tinbidel spiss, il-kontrollur għandu jivverifika l-korrettezza tad-*data* personali mas-suġġett tad-*data* qabel u fi stadji differenti tal-ipproċessar (eż. għar-rekwiżiti tal-età).
  - Tħassir/rettifika – Il-kontrollur għandu jħassar jew jirrettifika *data* li mhijiex preċiża mingħajr dewmien. Il-kontrollur għandu b'mod partikolari jiffaċilita dan meta s-suġġetti tad-*data* jkunu jew kienu tfal u aktar tard ikunu jridu jneħħu tali *data* personali.<sup>36</sup>
  - Evitar tal-propagazzjoni tal-iżball – Il-kontrolluri għandhom jimmitigaw l-effett ta' iżball akkumulat fil-katina tal-ipproċessar.
  - Aċċess – Is-suġġetti tad-*data* għandhom jingħataw informazzjoni u aċċess effettiv għad-*data* personali f'konformità mal-Artikoli 12 sa 15 tal-GDPR sabiex jikkontrollaw il-preċiżjoni u jirrettifikaw kif meħtieġ.
  - Preċiżjoni kontinwa – Id-*data* personali għandha tkun preċiża fl-istadji kollha tal-ipproċessar, u għandhom jitwettqu testijiet tal-preċiżjoni f'passi kritiċi.
  - Aġġornata – Id-*data* personali għandha tiġi aġġornata jekk dan ikun meħtieġ għall-iskop.
  - Disinn tad-*data* - L-użu ta' karatteristiċi tad-disinn teknoloġiċi u organizzazzjonali biex titnaqqas l-ineżattezza, pereżempju jiġu ppreżentati għażliet konċiżi predeterminati minflok kaxex ta' test liberu.

#### Eżempju 1

Kumpanija tal-assigurazzjoni tixtieq tuża l-intelliġenza artifiċjali (IA) biex tagħti profil lill-klijenti li jixtru l-assigurazzjoni bħala bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom meta jikkalkulaw ir-riskju tal-assigurazzjoni. Meta jiddeterminaw kif għandhom jiġu żviluppanti s-soluzzjonijiet tal-AI tagħhom, huma jkunu qed jiddeterminaw il-mezzi tal-ipproċessar u jridu jqisu l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn meta jagħżlu applikazzjoni tal-AI minn bejjiegħ u meta jiddeċiedu dwar kif iħarrġu lill-AI.

Meta jiddetermina kif għandu jħarreġ lill-AI, il-kontrollur għandu jkollu *data* preċiża biex jikseb riżultati preċiżi. Għalhekk, il-kontrollur għandu jiżgura li d-*data* użata għat-taħriġ tal-AI tkun preċiża.

<sup>35</sup> L-Artikolu 5(1)(d) tal-GDPR

<sup>36</sup> Ara l-Premessa 65.



Sakemm ikollu bażi ġuridika valida biex iħarreġ lill-IA bid-*data* personali minn sottosett kbir tal-klijenti tiegħu, il-kontrollur jagħżel raggruppament ta' klijenti li jkun rappreżentattiv tal-popolazzjoni, biex jevita wkoll il-preġudizzju.

Id-*data* dwar il-klijent imbagħad tinġabar mis-sistema tat-trattament tad-*data* rispettiva, inkluża *data* dwar it-tip ta' assigurazzjoni, pereżempju l-assigurazzjoni tas-saħħa, l-assigurazzjoni tad-djar, l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar, eċċ. kif ukoll *data* mir-reġistri pubbliċi li għandhom aċċess legali għalihom. Id-*data* kollha tiġi psewdonimizzata qabel it-trasferiment lejn is-sistema ddedikata għat-taħriġ tal-mudell tal-IA.

Biex jiġi żgurat li d-*data* użata għat-taħriġ tal-IA tkun preċiża kemm jista' jkun, il-kontrollur jiġbor biss *data* minn sorsi tad-*data* b'informazzjoni korretta u aġġornata.

Il-kumpanija tal-assigurazzjoni tittestja jekk l-IA hijiex affidabbli u jekk tipprovdiż riżultati mhux diskriminatorji kemm matul l-iżvilupp tagħha kif ukoll fl-aħħar nett qabel ma jinħareġ il-prodott. Meta l-IA tkun kompletament imħarrġa u operattiva, il-kumpanija tal-assigurazzjoni tuża r-riżultati biex tappoġġa l-valutazzjonijiet tar-riskju tal-assigurazzjoni, iżda mingħajr ma tiddependi biss mill-IA biex tiddeċiedi jekk tagħtix assigurazzjoni, sakemm id-deċiżjoni ma titteħidx f'konformità mal-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 22(2) tal-GDPR .

Il-kumpanija tal-assigurazzjoni se tagħmel rieżami wkoll tar-riżultati mill-IA b'mod regolari, biex iżżomm l-affidabbiltà u meta jkun meħtieġ taġġusta l-algoritmu.

## Eżempju 2

Il-kontrollur huwa istituzzjoni tas-saħħa li jkun qed ifittex metodi biex jiżgura l-integrità u l-preċiżjoni tad-*data* personali fir-reġistri tal-klijenti tiegħu.

F'sitwazzjoni fejn żewġ persuni jaslu fl-istituzzjoni fl-istess ħin u jirċievu l-istess trattament, hemm riskju li dawn jiġu mfixkla ma' xulxin jekk l-uniku parametru li jisseparahom ikun l-isem. Biex tiġi żgurata l-preċiżjoni, il-kontrollur jeħtieġ identifikatur uniku għal kull persuna, u għalhekk aktar informazzjoni milli sempliċiment isem il-klijent.

L-istituzzjoni tuża bosta sistemi li jinkludu informazzjoni personali tal-klijenti, u trid tiżgura li l-informazzjoni relatata mal-klijent tkun korretta, preċiża u konsistenti fis-sistemi kollha fi kwalunkwe ħin. L-istituzzjoni tkun identifikat bosta riskji li jistgħu jfeġġu jekk l-informazzjoni tinbidel f'sistema partikolari iżda mhux fl-oħrajn.

Il-kontrollur jiddeċiedi li jimmitiga r-riskju billi juża teknika ta' hashing li tista' tintuża biex tiġi żgurata l-integrità tad-*data* fil-ġurnal tat-trattamenti. Jinħolqu kronogrammi kriptografiċi immutabbli għar-rekords tal-ġurnal tat-trattamenti u għall-klijent assoċjat magħhom, sabiex kwalunkwe bidla tkun tista' tiġi rikonossuta, korrelata u traċċata jekk meħtieġ.

## 3.7 Limitazzjoni tal-ħżin

80. Il-kontrollur irid jiżgura li d-*data* personali tinżamm f'għamla li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-*data* għal mhux aktar żmien milli jkun neċessarju għall-iskopijiet li għalihom tiġi pproċessata d-*data* personali.<sup>37</sup>

<sup>37</sup> L-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR

Huwa kruċjali li l-kontrollur ikun jaf eżattament liema *data* personali tiġi pproċessata mill-kumpanija u għalfejn. L-iskop tal-ipproċessar għandu jkun il-kriterju ewlieni li jiddeċiedi għal kemm żmien għandha tinħażen id-*data* personali.

81. Il-miżuri u s-salvagwardji li jimplimentaw il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin għandhom jikkomplementaw id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, speċifikament id-dritt ta' tħassir u d-dritt ta' oġġezzjoni.
82. L-elementi ewlenin mid-disinn u tal-limitazzjoni tal-ħżin b' mod awtomatiku jistgħu jinkludu:
- Tħassir u anonimizzazzjoni – Il-kontrollur għandu jkollu proċeduri u funzjonalitajiet interni ċari għat-tħassir u/jew l-anonimizzazzjoni.
  - Effettività tal-anonimizzazzjoni/tat-tħassir - Il-kontrollur għandu jiżgura li ma jkunux possibbli l-identifikazzjoni mill-ġdid tad-*data* anonimizzata jew l-irkupru ta' *data* mħassra, u għandu jittestja jekk dan ikunx possibbli
  - Awtomatizzazzjoni – It-tħassir ta' ċerta *data* personali għandu jiġi awtomatizzat
  - Kriterji tal-ħżin – Il-kontrollur irid jiddetermina liema *data* u tul ta' ħżin huma neċessarji għall-iskop.
  - Ġustifikazzjoni – Il-kontrollur għandu jkun kapaċi jiġġustifika għaliex il-perjodu ta' ħżin huwa meħtieġ għall-iskop u d-*data* personali inkwistjoni, u jkun jista' jiżvela r-raġunament li jeżisti, u r-raġunijiet legali għall-perjodu ta' żamma.
  - Infurzar tal-politiki ta' żamma – Il-kontrollur irid jinforza politiki interni ta' żamma u jwettaq testijiet ta' jekk l-organizzazzjoni tipprattikax il-politiki tagħha.
  - Backups/reġistri – Il-kontrolluri għandhom jiddeterminaw liema *data* personali u tul ta' ħżin huma meħtieġa għall-backups u r-reġistri.
  - Fluss ta' *data* – Il-kontrolluri għandhom joqogħdu attenti għall-fluss ta' *data* personali, u l-ħżin ta' kwalunkwe kopja tagħha, u jfittxu li jillimitaw il-ħżin "temporanju" tagħhom.

#### Eżempju

Il-kontrollur jiġbor *data* personali meta l-għan tal-ipproċessar ikun li jamministra sħubija tas-suġġett tad-*data*. Id-*data* personali għandha titħassar meta s-sħubija tintemm u ma jkun hemm l-ebda bażi ġuridika għal ħżin ulterjuri tad-*data*.

L-ewwel, il-kontrollur ifassal proċedura interna għaż-żamma u t-tħassir tad-*data*. Skont dan, l-impjegati jridu jħassru d-*data* personali b' mod manwali wara li jintemm il-perjodu ta' żamma. L-impjegat isegwi l-proċedura biex iħassar u jkkoreġi d-*data* regolament minn kwalunkwe apparat, mill-backups, reġistri, emails u mezzi rilevanti oħra ta' ħżin.

Biex it-tħassir ikun aktar effettiv, u inqas suxxettibbli għall-iżbalji, il-kontrollur imbagħad jimplimenta sistema awtomatika minflok, sabiex iħassar id-*data* awtomatikament u aktar regolament. Is-sistema tiġi konfigurata biex isegwi l-proċedura partikolari għat-tħassir tad-*data*, li mbagħad isseħħ f'intervall regolari predefinit biex id-*data* personali tiġi eliminata mill-mezzi ta' ħżin kollha tal-kumpanija. Il-kontrollur jirrieżamina u jittestja l-proċedura ta' żamma b' mod regolari u jiżgura li din taqbel mal-politika ta' żamma aġġornata.

### 3.8 Integrità u kunfidenzjalità

83. Il-prinċipju tal-integrità u l-kunfidenzjalità jinkludi l-protezzjoni mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali, bl-użu ta' miżuri tekniċi jew organizzazzjonali

xierqa. Is-sigurtà tad-*data* personali tirrikjedi miżuri xierqa mfasla biex jipprevjenu u jiġġestixxu inċidenti ta' ksur tad-*data*; biex jiggarantixxu l-eżekuzzjoni xierqa tal-kompiti tal-ipproċessar tad-*data*, u l-konformità mal-prinċipji l-oħra; u biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tal-individwi.

84. Il-Premessa 78 tiddikjara li waħda mill-miżuri tad-DPbDD tista' tikkonsisti milli li l-kontrollur jitħalla "*joħloq u jtejjeb il-karatteristiċi tas-sigurtà*". Flimkien ma' miżuri oħra ta' DPbDD, il-Premessa 78 tissuġġerixxi responsabbiltà fuq il-kontrolluri biex jivvalutaw kontinwament jekk ikunux qed jużaw il-mezzi tal-ipproċessar xierqa f'kull ħin, u biex jivvalutaw jekk il-miżuri magħżula fil-fatt jilqgħux kontra l-vulnerabbiltajiet eżistenti. Barra minn hekk, il-kontrolluri għandhom iwettqu rieżamijiet regolari tal-miżuri ta' sigurtà tal-informazzjoni marbuta mad-*data* personali u li jipproteġuha, kif ukoll il-proċedura għat-trattament ta' ksur tad-*data*.
85. L-elementi ewlenin mid-disinn u ta' integrità u kunfidenzjalità b'mod awtomatiku jistgħu jinkludu:
- Sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni (ISMS) – Mezz operattiv ta' ġestjoni tal-politiki u l-proċeduri għas-sigurtà tal-informazzjoni.
  - Analiżi tar-riskju – Valutazzjoni tar-riskji fil-konfront tas-sigurtà tad-*data* personali billi jiġi kkunsidrat l-impatt fuq id-drittijiet tal-individwi u l-qiegħ kontra r-riskji identifikati. Għall-użu f'valutazzjoni tar-riskju; l-iżvilupp u ż-żamma ta' "immudellar tat-theddid" komprensiv, sistematiku u realistiku u analiżi tas-superfiċje tal-attakki tas-software imfassal biex jitnaqqsu l-vetturi tal-attakki u l-opportunitajiet biex jiġu sfruttati l-punti dgħajfa u l-vulnerabbiltajiet.
  - Sigurtà mid-disinn – L-ikkunsidrati tar-rekwiżiti tas-sigurtà mill-aktar fis possibbli fid-disinn u l-iżvilupp tas-sistema u kontinwament jiġu integrati u jitwettqu testijiet rilevanti.
  - Manutenzjoni – Rieżami regolari u ttestjar ta' software, hardware, sistemi u servizzi, eċċ. biex jinkixfu l-vulnerabbiltajiet tas-sistemi li jappoġġaw l-ipproċessar.
  - Ġestjoni tal-kontroll tal-aċċess – Il-persunal awtorizzat li jeħtieġ li jkollu aċċess għad-*data* personali meħtieġa għall-kompiti ta' pproċessar tiegħu biss, u l-kontrollur għandu jiddistingwi bejn il-privileġġi ta' aċċess tal-persunal awtorizzat.
    - Limitazzjoni tal-aċċess (aġenti) – L-ipproċessar tad-*data* jtfassal b'mod li għadd minimu ta' persuni jeħtieġu aċċess għal *data* personali biex iwettqu dmirijiethom, u l-aċċess jiġi limitat kif xieraq.
    - Limitazzjoni tal-aċċess (kontenut) – Fil-kuntest ta' kull operazzjoni ta' pproċessar, l-aċċess jiġi limitat għal dawk l-attributi biss għal kull sett ta' *data* li huwa meħtieġ biex titwettaq dik l-operazzjoni. Barra minn hekk, l-aċċess għad-*data* li tappartjeni għal dawk is-suġġetti tad-*data* li huma fil-mandat tal-impjegat rispettiv jiġi limitat.
    - Segregazzjoni tal-aċċess – L-ipproċessar tad-*data* jtfassal b'mod li l-ebda individwu ma jeħtieġ aċċess komprensiv għad-*data* kollha miġbura dwar suġġett tad-*data*, ħafna inqas id-*data* personali kollha ta' kategorija partikolari ta' suġġetti tad-*data*.
  - Trasferimenti siguri – It-trasferimenti għandhom jiġu protetti kontra aċċess u bidliet mhux awtorizzati u aċċidentali.
  - Ħżin sigur – Il-ħżin tad-*data* għandu jiġi protett kontra aċċess u bidliet mhux awtorizzati. Għandu jkun hemm proċeduri għall-valutazzjoni tar-riskju ta' ħżin ċentralizzat jew deċentralizzat, u għal liema kategoriji ta' *data* personali japplika dan. Xi *data* tista' teħtieġ miżuri ta' sigurtà addizzjonali minn oħrajn jew iżolament minn oħrajn.
  - Pseudonimizzazzjoni – Id-*data* personali u l-backups/r-reġistri għandhom jiġu pseudonimizzati bħala miżura ta' sigurtà biex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ksur potenzjali tad-*data*, pereżempju bl-użu ta' hashing jew ta' kriptaġġ.
  - Backups/reġistri – Żamma ta' backups u reġistri sal-punt neċessarju għas-sigurtà tal-informazzjoni, l-użu ta' awditjar tal-entrati u ta' monitoraġġ tal-avvenimenti bħala kontroll tas-

sigurtà ta' rutina. Dawn għandhom jiġu protetti minn aċċess u bidla mhux awtorizzati u aċċidentali u rieżaminati regolarment u l-inċidenti għandhom jiġu ttrattati minnufih.

- Irkupru minn diżastru/kontinwità tan-negozju – L-indirizzar tal-irkupru minn diżastru tas-sistema ta' informazzjoni u r-rekwiżiti ta' kontinwità tan-negozju biex terġa' tinkiseb id-disponibbiltà ta' *data* personali b'segwitu għal inċidenti kbar.
- Protezzjoni skont ir-riskju – Il-kategoriji kollha tad-*data* personali għandhom jiġu protetti b'miżuri adegwati fir-rigward tar-riskju ta' ksur tas-sigurtà. Id-*data* li tippreżenta riskji speċjali għandha, fejn possibbli, tinżamm separata mill-bqija tad-*data* personali.
- Ġestjoni tar-rispons għal inċidenti ta' sigurtà – Stabbiliment ta' rutini, proċeduri u riżorsi għad-detezzjoni, il-konteniment, it-trattament, ir-rappurtar u t-tagħlim minn ksur tad-*data*.
- Ġestjoni tal-inċidenti – Il-kontrollur għandu jkollu proċessi stabbiliti biex jittratta l-ksur u l-inċidenti, sabiex is-sistema tal-ipproċessar issir aktar robusta. Dan jinkludi proċeduri ta' notifika, bħall-ġestjoni tan-notifika (lill-awtorità superviżorja) u l-informazzjoni (lis-suġġetti tad-*data*).

### Eżempju

Kontrollur irid joħroġ kwantitajiet kbar ta' *data* personali minn bażi tad-*data* medika li fiha rekords elettroniċi tas-saħħa (tal-pazjenti) għal server dedikat tal-baży tad-*data* fil-kumpanija sabiex jipproċessa d-*data* estratta għal skopijiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Il-kumpanija tkun ivvalutat li r-riskju għar-routing tas-siltiet lejn server li jkun aċċessibbli għall-impjegati kollha tal-kumpanija jkun probabbilment għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Peress li hemm biss dipartiment wieħed fil-kumpanija li jeħtieġ li jipproċessa s-siltiet tad-*data* tal-pazjenti, il-kontrollur jiddeċiedi li jirrestrinġi l-aċċess għas-server dedikat għall-impjegati f'dak id-dipartiment. Barra minn hekk, biex ikompli jitnaqqas ir-riskju, id-*data* tiġi psewdonimizzata qabel ma tiġi trasferita.

Biex tirregola l-aċċess u timmitiga l-ħsara possibbli minn malware, il-kumpanija tiddeċiedi li twettaq segregazzjoni tan-network, u tistabbilixxi kontrolli tal-aċċess għas-server. Barra minn hekk, hija tistabbilixxi monitoraġġ tas-sigurtà u sistema ta' qbid u ta' prevenzjoni ta' intrużjonijiet u tiżolaha mill-użu normali. Tiġi stabbilita sistema tal-awditjar awtomatizzata biex jiġi mmonitorjat l-aċċess u l-bidliet. It-twissijiet ta' rappurtar u awtomatizzati jiġu ġġenerati minnha meta jiġu kkonfigurati ċerti avvenimenti relatati mal-użu. Il-kontrollur jiżgura li l-utenti biss jkollhom aċċess fuq baży ta' ħtieġa ta' tagħrif u bil-livell ta' aċċess xieraq. Użu mhux xieraq jista' jiġi skopert malajr u faċilment.

Xi wħud mis-siltiet iridu jitqabblu ma' siltiet ġodda, u għalhekk huma meħtieġa jinħażnu għal tliet xhur. Il-kontrollur jiddeċiedi li jpoġġihom f'bażijiet tad-*data* separati fuq l-istess server, u juża kriptaġġ kemm trasparenti kif ukoll fil-livell tal-kolonna biex jaħżinhom. Il-kjavi għad-dekriptaġġ tad-*data* fil-kolonna jinħażnu f'moduli ta' sigurtà ddedikati li jistgħu jintużaw biss minn persunal awtorizzat, iżda ma jistgħux jinħarġu.

It-trattament ta' inċidenti li ġejjin jagħmel is-sistema aktar robusta, u affidabbli. Il-kontrollur tad-*data* jifhem li għandhom jiġu miżuri u salvagwardji preventivi u effettivi fl-ipproċessar kollu tad-*data* personali fil-preżent u fil-futur, u li dan jista' jgħin jipprevjeni inċidenti ta' ksur ta' *data* bħal dawn fil-futur.

Il-kontrollur jistabbilixxi dawn il-miżuri ta' sigurtà kemm biex jiżgura l-preċiżjoni, l-integrità u l-kunfidenzjalità, iżda wkoll biex jipprevjeni l-firxa ta' malware permezz ta' attacchi ċibernetiċi u biex is-soluzzjoni ssir robusta. Li jkun hemm miżuri ta' sigurtà robusti jikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja mas-suġġetti tad-*data*.

### 3.9 Akkontabilità<sup>38</sup>

86. Il-prinċipju ta' obbligu ta' rendikont jiddikjara li l-kontrollur għandu jkun responsabbli mill-konformità mal-prinċipji kollha msemmija hawn fuq u jkun kapaċi juriha.
87. Il-kontrollur jeħtieġ li jkun kapaċi juri l-konformità mal-prinċipji. Meta jagħmel dan, il-kontrollur jista' juri l-effetti tal-miżuri meħuda biex jipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, u għaliex il-miżuri jitqiesu xierqa u effettivi. Pereżempju, li jintwera għaliex miżura hija xierqa biex tiżgura l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin b'mod effettiv.
88. Sabiex ikun jista' jipproċessa d-*data* personali b'mod responsabbli, il-kontrollur għandu jkollu kemm l-għarfien kif ukoll il-kapaċità li jimplementa l-protezzjoni tad-*data*. Dan ifisser li l-kontrollur għandu jifhem l-obbligi tiegħu dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-GDPR u jkun jista' jikkonforma ma' dawn l-obbligi.

## 4 L-ARTIKOLU 25(3) ĊERTIFIKAZZJONI

89. Skont l-Artikolu 25(3), iċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42 tista' tintuża bħala element biex tintwera l-konformità mad-DPbDD. Min-naħa l-oħra, dokumenti li juru konformità mad-DPbDD jistgħu jkunu utli wkoll fi proċess ta' ċertifikazzjoni. Dan ifisser li fejn operazzjoni ta' pproċessar minn kontrollur jew proċessur tkun ġiet ċertifikata skont l-Artikolu 42, l-awtoritajiet superviżorji għandhom iqisu dan fil-valutazzjoni tagħhom tal-konformità mal-GDPR, speċifikament fir-rigward tad-DPbDD.
90. Meta operazzjoni ta' pproċessar minn kontrollur jew proċessur tiġi ċertifikata skont l-Artikolu 42, l-elementi li jikkontribwixxu biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 25(1) u (2) huma l-proċessi tad-disinn, jiġifieri l-proċess tad-determinazzjoni tal-mezzi tal-ipproċessar, il-governanza u l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jiġu implimentati l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*. Il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni tal-protezzjoni tad-*data* jiġu ddeterminati mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni jew mis-sidien tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni u mbagħad jiġu approvati mill-awtorità superviżorja kompetenti jew mill-EDPB. Għal aktar informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni, aħna nirreferu lill-qarrej għal-Linja gwida tal-EDPB dwar iċ-Ċertifikazzjoni<sup>39</sup> u gwida rilevanti oħra, kif ippubblikata fuq is-sit web tal-EDPB.
91. Anke meta operazzjoni ta' pproċessar tingħata ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42, il-kontrollur xorta għandu r-responsabbiltà li jissorvelja u jtejjeb kontinwament il-konformità mal-kriterji tad-DPbDD tal-Artikolu 25.

## 5 INFURZAR TAL-ARTIKOLU 25 U L-KONSEGWENZI

92. L-awtoritajiet superviżorji jistgħu jivvalutaw il-konformità mal-Artikolu 25 skont il-proċeduri elenkati fl-Artikolu 58. Is-setgħat korrettivi huma speċifikati fl-Artikolu 58(2) u jinkludu l-ħruġ ta' twissijiet, ordnijiet ta' konformità mad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, limitazzjonijiet fuq l-ipproċessar jew projbizzjoni tiegħu, multi amministrattivi, eċċ.

---

<sup>38</sup> Ara l-Premessa 74, fejn il-kontrolluri huma meħtieġa juru l-effettività tal-miżuri tagħhom.

<sup>39</sup> L-EDPB. "Linji gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament". Verżjoni 3.0, 4 ta' Ġunju 2019.

[edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb\\_guidelines\\_201801\\_v3.0\\_certificationcriteria\\_annex2\\_en.pdf](https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines_201801_v3.0_certificationcriteria_annex2_en.pdf)

93. Barra minn hekk, id-DPbDD hija fattur fid-determinazzjoni tal-livell ta' sanzjonijiet monetarji għal ksur tal-GDPR, ara l-Artikolu 83(4).<sup>40 41</sup>

## 6 RAKKOMANDEZZJONIJIET

94. Għalkemm mhux indirizzati direttament fl-Artikolu 25, il-proċessuri u l-produtturi huma rikonoxxuti wkoll bħala faċilitaturi ewlenin għad-DPbDD, huma għandhom ikunu konxji li l-kontrolluri huma meħtieġa jipproċessaw biss *data* personali b'sistemi u teknoloġiji li għandhom protezzjoni tad-*data* integrata.
95. Meta jipproċessaw f'isem il-kontrolluri, jew jipprovdu soluzzjonijiet lill-kontrolluri, il-proċessuri u l-produtturi għandhom jużaw l-għarfien espert tagħhom biex jibnu l-fiduċja u jiggwidaw lill-klijenti tagħhom, inklużi l-SMEs, fit-tfassil/fl-akkwist ta' soluzzjonijiet li jinkorporaw il-protezzjoni tad-*data* fl-ipproċessar. Dan ifisser li d-disinn tal-prodotti u s-servizzi għandu jiffaċilita l-ħtiġijiet tal-kontrolluri.
96. Waqt l-implimentazzjoni tal-Artikolu 25, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-oġettiv prinċipali tat-tfassil huwa *l-implimentazzjoni effettiva* tal-prinċipji u *l-protezzjoni* tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* fil-miżuri xierqa tal-ipproċessar. Sabiex tiġi ffaċilitata u mtejbja l-adozzjoni tad-DPbDD, aħna nagħmlu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-kontrolluri kif ukoll lill-produtturi u lill-proċessuri:
- Il-kontrolluri għandhom iqisu il-protezzjoni tad-*data* mill-*istadji inizjali* tal-ippjanar ta' operazzjoni ta' pproċessar, saħansitra qabel iż-żmien fejn jiġu ddeterminati l-mezzi tal-ipproċessar.
  - Meta l-kontrollur ikollu Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD), l-EDPB iħeġġeġ l-involvement attiv tal-UPD biex jintegra lid-DPbDD fil-proċeduri tal-akkwist u tal-iżvilupp, kif ukoll fiċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-ipproċessar.
  - Operazzjoni ta' pproċessar tista' tiġi *ċertifikata*. Il-kapaċità li tinkiseb ċertifikazzjoni ta' operazzjoni ta' pproċessar tipprovi valur miżjud lil kontrollur meta jagħżel bejn software, hardware, servizzi u/jew sistemi differenti minn produtturi jew proċessuri. Għalhekk, il-produtturi għandhom jistinkaw biex juru DPbDD fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tagħhom ta' soluzzjoni tal-ipproċessar. Siġill ta' ċertifikazzjoni jista' wkoll jiggwida lis-suġġetti tad-*data* fl-għażla tagħhom bejn oġġetti u servizzi differenti. Għalhekk, il-kapaċità ta' ċertifikazzjoni ta' pproċessar tista' tkun ta' vantaġġ kompetittiv għall-produtturi, il-proċessari u l-kontrolluri, u tista' saħansitra ssaħħaħ il-fiduċja tas-suġġetti tad-*data* fl-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom. Jekk ma tiġi offruta l-ebda ċertifikazzjoni, il-kontrolluri għandhom ifittxu li jkollhom *garanziji* oħra li l-produtturi jew il-proċessuri jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-DPbDD.
  - Il-kontrolluri, il-proċessuri u l-produtturi, għandhom jikkunsidraw l-obbligi tagħhom li jipprovdu lit-tfal taħt it-18-il sena u lil gruppi vulnerabbli oħra bi protezzjoni speċifika biex jikkonformaw mad-DPbDD.
  - Il-produtturi u l-proċessuri għandhom ifittxu li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tad-DPbDD sabiex jappoġġaw il-kapaċità tal-kontrollur li jikkonforma mal-obbligi tal-Artikolu 25. Min-naħa l-oħra, il-kontrolluri ma għandhomx jagħżlu produtturi jew proċessuri li ma joffrux sistemi li

---

<sup>40</sup> L-Artikolu 83(2)(d) tal-GDPR jistipula li fid-determinazzjoni tal-impożizzjoni ta' multi għall-ksur tal-GDPR, għandha tingħata "*konsiderazzjoni dovuta*" tal-"*grad ta' responsabbiltà tal-kontrollur jew il-proċessur b'kont meħud tal-miżuri tekniċi u organizzattivi implimentati minnu skont l-Artikoli 25 u 32*".

<sup>41</sup> Aktar informazzjoni dwar il-multi tista' tinstab fil-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. "Linji gwida dwar l-applikazzjoni u l-issettjar ta' multi amministrattivi għall-finijiet tar-Regolament 2016/679". WP 253, 3 ta' Ottubru 2017. [ec.europa.eu/newsroom/just/document.cfm?doc\\_id=47889](https://ec.europa.eu/newsroom/just/document.cfm?doc_id=47889) - approvati mill-EDPB

jippermettu jew jappoġġaw il-kontrollur biex jikkonforma mal-Artikolu 25, minħabba li huma l-kontrolluri li jinżammu responsabbli min-nuqqas tal-implimentazzjoni tiegħu.

- Il-produtturi u l-proċessuri għandu jkollhom rwol attiv fl-iżgurar li jiġu ssodisfati l-kriterji għall-“ogħla livell ta’ żvilupp tekniku”, u jinnotifikaw lill-kontrolluri dwar kwalunkwe bidla għall-“ogħla livell ta’ żvilupp tekniku” li tista’ taffettwa l-effettività tal-miżuri li jkollhom stabbiliti. Il-kontrolluri għandhom jinkludu dan ir-rekwiżit bħala klawżola kuntrattwali biex ikunu ċerti li jinżammu aġġornati.
- L-EDPB jirrakkomanda li l-kontrolluri jirrikjedu li l-produtturi u l-proċessuri juru kif il-hardware, is-software, is-servizzi jew is-sistemi tagħhom jippermettu lill-kontrollur jikkonforma mar-rekwiżiti għall-obbligu ta’ rendikont f’konformità mad-DPbDD, pereżempju billi jużaw indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex juru l-effettività tal-miżuri u s-salvagwardji fl-implimentazzjoni tal-prinċipji u d-drittijiet.
- L-EDPB jenfasizza l-ħtieġa ta’ approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-prinċipji u d-drittijiet b’mod effettiv, u jħeġġeġ lill-assoċjazzjonijiet jew lill-korpi li jħejju kodiċijiet ta’ mgħiba f’konformità mal-Artikolu 40 biex jinkorporaw gwida speċifika għas-settur dwar id-DPbDD wkoll.
- Il-kontrolluri għandhom ikunu ġusti mas-suġġetti tad-*data* u trasparenti dwar kif huma jivvalutaw u juru implimentazzjoni effettiva tad-DPbDD, bl-istess mod kif il-kontrolluri juru l-konformità mal-GDPR skont il-prinċipju tal-akkontabbiltà.
- It-teknoloġiji ta’ infurzar tal-privatezza (PETs) li jkun u laħqu l-maturità tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku jistgħu jintużaw bħala miżura f’konformità mar-rekwiżiti tad-DPbDD jekk ikun xieraq f’approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-PETs fihom infushom mhux neċessarjament ikopru l-obbligi tal-Artikolu 25. Il-kontrolluri għandhom jivvalutaw jekk il-miżura hijiex xierqa u effettiva fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.
- Is-sistemi eżistenti ta’ legat huma taħt l-istess obbligi tad-DPbDD bħas-sistemi l-ġodda. Jekk is-sistemi ta’ legat ikunu għadhom ma jikkonformawx mad-DPbDD, u ma jistgħux isiru bidliet biex ikun hemm konformità mal-obbligi, allura s-sistema ta’ legat sempliċement ma tissodisfax l-obbligi tal-GDPR u ma tistax tintuża biex tiġi pproċessata d-*data* personali.
- L-Artikolu 25 ma jbaxxix il-limitu tar-rekwiżiti għall-SMEs. Il-punti li ġejjin jistgħu jiffaċilitaw il-konformità tal-SMEs mal-Artikolu 25:
  - Aġġmel valutazzjonijiet tar-riskju bikrija
  - Ibda bi proċessar żgħir — imbagħad adatta l-kamp ta’ applikazzjoni u s-sofistikazzjoni tiegħu aktar tard
  - Fittex il-garanziji tal-produtturi u tal-proċessur tad-DPbDD, bħaċ-ċertifikazzjoni u l-aderenza mal-kodiċi ta’ kondotti
  - Uża sħab b’rekord tajjeb
  - Tkellem mad-DPAs
  - Aqra l-gwida mid-DPAs u l-EDPB
  - Aderixxi mal-kodiċijiet ta’ kondotta fejn disponibbli
  - Ikseb għajjnuna u pariri professjonali

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)